Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Ġunju 2015**
**(OR. en)**

**10143/15**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2015/0133 (COD)**

**PECHE 224**
**CODEC 909**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 18 ta' Ġunju 2015 |
| lil: | Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2015) 294 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (riformulazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2015) 294 final.

---

Mehmuż: COM(2015) 294 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.6.2015
COM(2015) 294 final

2015/0133 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd**
**(riformulazzjoni)**

{SWD(2015) 118 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

# 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

## 1.1. Ir-raġunijiet għal din il-proposta, u l-għanijiet tagħha

Il-ġbir ta' dejta huwa essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), bħala bażi biex din tiġi msejsa fuq l-aħjar pariri xjentifiċi possibbli. Id-dejta hija meħtieġa sabiex jiġu evalwati l-istat tal-istokkijiet tal-ħut, il-profittabbiltà tad-diversi oqsma tas-settur, u l-effetti tas-sajd u tal-akkwakultura fuq l-ekosistemi. Id-dejta hija meħtieġa wkoll għall-evalwazzjoni tal-politiki tal-UE: miżuri ta' ġestjoni tas-sajd, miżuri finanzjarji strutturali bħala appoġġ għaż-żoni li huma dipendenti fuq is-sajd u l-akkwakultura, u miżuri ta' mitigazzjoni għat-tnaqqis tal-effetti negattivi tas-sajd fuq l-ekosistemi.

Għal din ir-raġuni, fl-2000 ġie stabbilit qafas tal-UE għall-ġbir u l-ġestjoni ta' dejta tas-sajd[1]. Dan saritlu riforma fl-2008, biex inħoloq il-Qafas għall-Ġbir ta' Dejta (DCF)[2]. Id-DCF kienet tirrappreżenta progress ewlieni fit-twaqqif ta' sett armonizzat ta' regoli tal-UE li jirregolaw il-ġbir ta' dejta bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika dwar is-setturi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-ipproċessar.

Ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) li seħħet fl-2013 għandha tiġi rikonċiljata ma' adattamenti fil-pariri xjentifiċi ta' appoġġ u, għaldaqstant, mad-dejta meħtieġa għal dan. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari sabiex jinkiseb ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) sa mhux aktar tard mill-2020, biex l-operaturi tas-sajd jiġu ġestiti filwaqt li jitqiesu l-impatti tagħhom fuq l-ekosistema, u biex gradwalment jiġi introdott obbligu ta' ħatt l-art. Ir-riforma tal-PKS teħtieġ ukoll li jsiru bidliet fil-mod kif tinkiseb id-dejta, perezempju r-reġjonalizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tal-kompiti mill-Unjoni Ewropea lejn l-Istati Membri fil-kuntest tal-kooperazzjoni reġjonali.

Bħala parti mill-Programm ta' Ħidma tagħha tal-2015[3], il-Kummissjoni ħabbret li se tiffoka l-isforzi tagħha fuq l-implimentazzjoni mingħajr xkiel tar-riforma tal-PKS li saret dan l-aħħar, u li l-ogħla prijorità għall-operaturi tas-sajd hija li jsir sforz iffokat fuq l-esplorazzjoni ta' sinerġiji bejn il-leġiżlazzjoni eżistenti.

Din il-proposta għandha l-ħsieb li tibni fuq l-elementi li jiffunzjonaw (u b'hekk iżżomm grad għoli ta' kontinwità), filwaqt li fl-istess ħin tirreaġixxi b'rabta mal-ħtiġijiet il-ġodda. Din hija akkumpanjata minn dokument ta' ħidma tal-persunal.

---

1 **Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000** tad-29 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi struttura Komunitarja għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data meħtieġa għat-twettiq tal-politika komuni tas-sajd.

2 **Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008** dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd.

3 COM(2014) 910 finali.

## 1.2. Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika: allinjament mar-riforma tal-PKS

Waqt l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-PKS[4], il-Kunsill u l-Parlament Ewropew talbu lill-Kummissjoni biex "tgħaġġel il-proċess għall-adozzjoni ta' proposta li temenda r-Regolament tal-UE 199/2008 sabiex il-prinċipji u l-objettivi għall-ġbir ta' dejta, li huma essenzjali għall-appoġġ tal-Politika Komuni tas-Sajd riformata u li huma stabbiliti fir-Regolament il-ġdid dwar ir-Riforma tal-PKS, ikunu jistgħu jsiru effettivi b'mod prattiku mill-aktar fis possibbli"[5]. Il-proposta mehmuża għandha l-għan li tilħaq dan l-objettiv permezz ta':

**Aġġustament għal ħtiġijiet ġodda ta' dejta:** Il-kamp ta' applikazzjoni tad-DCF għandu jiġi allinjat mal-ħtiġijiet li jirriżultaw strettament mir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-PKS kif stipulat fl-Artikolu 25 tiegħu. Dan jeħtieġ aġġustamenti relatati ma': *il-bidla gradwali lejn l-MSY* (rendiment massimu sostenibbli), *l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistemi* (eż. speċijiet protetti, il-ħabitats ta' qiegħ il-baħar); *l-impatti ambjentali u impatti oħra tal-akkwakultura* (murija permezz ta' informazzjoni dwar il-mortalità/telf, l-użu ta' mediċini); u *l-effetti tal-obbligu ta' ħatt l-art*.

Il-konsultazzjonijiet urew li kienet inġabret xi dejta, u li din ma ntużatx lanqas għal ċerti stokkijiet ġestiti fil-livell tal-MSY. Id-DCF attwali jkopri aktar minn 400 stokk, li mhux kollha jeħtieġu l-aktar tip dettaljat ta' valutazzjoni tal-istokk u li għalhekk mhux se jeħtieġu l-aktar tip frekwenti u estensiv ta' ġbir ta' dejta. B'hekk, ir-reviżjoni tad-DCF għandha wkoll tiżgura li d-dejta tinġabar skont analiżi ta' kost/benefiċċju jew analiżi ta' kost/użu tal-preċiżjoni miksuba permezz ta' mudelli xjentifiċi u l-livell ta' riskju assoċjat. Pereżempju, minflok l-istħarriġiet isiru kull sena, dawn jistgħu jsiru kull tliet snin.

Analiżi ta' dan it-tip għandha tkun ibbażata fuq diskussjoni bejn il-maniġers tal-impriżi tas-sajd, il-kolletturi tad-dejta u dawk li jipprovdu pariri xjentifiċi sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni fejn ir-rekwiżiti tad-dejta ġew stabbiliti essenzjalment bħala ġabra ta' ħtiġijiet għal stokkijiet individwali, li jwassal għal diskrepanza bejn l-ammont u l-firxa tad-dejta miġbura għal ċerti stokkijiet u l-ħtiġijiet tal-utenti finali, inklużi l-maniġers tal-impriżi tas-sajd. Dan għandu jinkiseb billi jiġu inklużi, għall-ewwel darba, kriterji għall-prijoritizzazzjoni tal-istokk[6], pereżempju, l-importanza ekonomika u soċjali, ir-rata ta' sfruttament tal-istokkijiet, jew l-eżistenza ta' pjanijiet ta' ġestjoni jew ta' protezzjoni. Dawn għandhom jintużaw meta jkun qed jiġi żviluppat u mbagħad rivedut il-Programm pluriennali tal-UE, li jimplimenta r-Regolament dwar id-DCF b'mod dettaljat. Eżempju ta' dan huwa l-barbun tat-tbajja' tal-Baltiku, li fir-rigward tiegħu tinġabar aktar dejta milli meħtieġ għall-monitoraġġ tal-istokk.

**Tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali**: B'konformità mar-reġjonalizzazzjoni tal-PKS, li bħala riżultat tagħha se jsiru aktar deċiżjonijiet imfassla apposta dwar il-ġestjoni tas-sajd permezz

---

4 **Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE. ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

5 L-Anness I tan-Nota 10629/13 tal-11 ta' Ġunju 2013 tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti.

6 Kif irrakkomandat ukoll minn Rapport ippubblikat mill-Parlament Ewropew fl-2013: http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/etudes/join/2013/495865/IPOL-PECH_ET(2013)495865_EN.pdf

ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fi ħdan l-istess reġjun tal-baħar, il-kolletturi tad-dejta għandhom jippjanaw l-attivitajiet tagħhom f'diskussjoni ma' utenti finali ta' dejta reġjonali, u għandhom jikkondividu dejjem aktar il-kompiti fost l-Istati Membri.

### 1.3. Konsistenza mal-politiki l-oħrajn tal-Unjoni

Barra minn hekk, il-proposta tarmonizza u tikkoordina ma' politiki simili għall-ġbir ta' dejta statistika fl-oqfsa ambjentali u fl-oqfsa statistiċi regolatorji (ara aktar 'il quddiem, taħt simplifikazzjoni).

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### 2.1. •Bażi legali

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) dwar is-sajd, li huwa wkoll il-bażi legali għall-PKS.

### 2.2. •Sussidjarjetà

Mhux rilevanti f'dan il-każ għaliex il-politika tas-sajd hija kompetenza esklussiva tal-UE.

### 2.3. •Proporzjonalità:

Din il-proposta legali għandha l-għan li tistabbilixxi qafas għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-dejta, u b'hekk ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ u xieraq, sabiex jintlaħaq l-għan bażiku tat-titjib tal-kwalità, l-aċċess u d-disponibbiltà tad-dejta fis-settur tas-sajd.

### 2.4. •Għażla tal-istrument:

Din il-forma legali ntgħażlet minħabba l-esperjenza pożittiva miksuba bl-istrument legali attwali (ara l-kapitolu li jmiss dwar l-evalwazzjonijiet ex-post, u l-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati).

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

### 3.1. Il-konsultazzjonijiet ex-post mal-partijiet ikkonċernati, u studji oħra

Diversi studji, evalwazzjonijiet, evalwazzjoni ex-post dedikata u sessjoni ta' ħidma tal-partijiet ikkonċernati huma l-bażi jew it-tħejjija ta' din il-proposta. Fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jingħata sommarju tal-konsultazzjonijiet u tal-istudji li saru. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin:

**Il-kwantità tad-dejta**: Id-DCF żied il-kwantità ta' dejta dwar is-sajd b'mod sinifikanti, u din hija ġeneralment meqjusa adattata għall-iskop. Id-DCF, b'mod partikolari, ipprovda qafas għall-UE kollha bi proċeduri armonizzati, u ppermetta l-iżvilupp ta' dejta f'serje kronoloġika. Madankollu, is-sistema attwali tal-ġbir ta' dejta iffukat fuq l-għoti ta' dejta li tkun inġabret primarjament għall-ġestjoni tas-sajd, filwaqt li skont il-PKS riformata, id-dejta se tkun meħtieġa wkoll biex jiġu appoġġati diversi għanijiet ta' politika ġodda jew imsaħħa: il-**bidla fid-direzzjoni lejn ġestjoni tas-sajd ibbażata fuq l-ekosistema**; enfasi ġdida fuq l-iżvilupp

ta' **akkwakultura sostenibbli**; **valutazzjoni tal-impatt** imtejba rigward deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tas-sajd.

**Il-kwalità tad-dejta** bħalissa hija meqjusa relattivament tajba, iżda għad hemm lok għal titjib. **Il-proċeduri ta' garanzija tal-kwalità u tal-kontroll** ivarjaw ħafna minn Stat Membru għall-ieħor, u b'mod ġenerali għandhom jiġu msaħħa aktar, b'mod partikolari fir-rigward tad-dejta soċjoekonomika.

**Id-disponibbiltà tad-dejta**: Din hija l-qasam fejn għandu jsir l-aktar progress. Il-kwistjonijiet ewlenin huma dawn li ġejjin: i) il-proċess li permezz tiegħu l-utenti finali[7] jitolbu dejta mill-Istati Membri ("sejħiet għal dejta") huwa ta' piż kbir wisq u jieħu ħafna riżorsi; ii) il-konformità u l-prontezza tal-forniment tad-dejta mill-Istati Membri lill-utenti finali mhux dejjem kienu ta' livell sodisfaċenti; iii) l-aċċessibbiltà tad-dejta dwar l-attività tas-sajd tvarja minn Stat Membru għall-ieħor minħabba r-regoli differenti dwar l-aċċess, li huma parzjalment ibbażati fuq limitazzjonijiet ta' użu ta' din id-dejta għal skopijiet multipli; u iv) id-dejta tad-DCF mhux qed tintuża biżżejjed minħabba d-diffikultajiet relatati mal-aċċess tagħha, li jwasslu għat-telf ta' opportunitajiet kbar għall-użu potenzjali ta' din id-dejta u għal investimenti mhux meħtieġa meta l-istess dejta tinġabar għal skopijiet oħra (eż. f'politiki spazjali marittimi). Għalhekk, id-disponibbiltà għandha tiġi miżjuda u ssimplifikata. Hekk kif il-ħtieġa għall-informazzjoni dwar l-ambjent tal-baħar qed tiżdied, hemm opportunità li m'għandhiex tintilef għall-ġbir ta' **dejta għal skopijiet multipli**.

**Flessibbiltà**: Id-DCF kien titjib fl-istipular ta' regoli komuni għall-Istati Membri kollha, li jippermettu lil dawk li jfasslu l-politika (inkluż fil-livell nazzjonali) jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq ġabra ta' informazzjoni simili u komparabbli. Madankollu, l-istruttura legali tad-DCF hija ġeneralment meqjusa bħala li hi eċċessivament preskrittiva u dettaljata, u dan jirriżulta f'sistema ineffiċjenti u li ma tirreaġixxix biżżejjed għall-ħtiġijiet li dejjem qed jevolvu. Għaldaqstant jeħtieġ li l-utenti finali jiġu inkorporati aħjar fid-disinn u fl-implimentazzjoni tad-DCF sabiex jiġi żgurat allinjament eqreb bejn id-dejta meħtieġa u d-dejta li tinġabar.

**Kumplessità**: Id-DCF huwa ġeneralment meqjus kumpless wisq, kemm f'termini ta' arranġamenti ta' implimentazzjoni kif ukoll meta wieħed jara l-qafas legali tiegħu. Sors wieħed ta' kumplessità u ineffiċjenza huwa d-**duplikazzjoni** bejn ir-rekwiżiti tad-dejta koperti mid-DCF u leġiżlazzjoni oħra tal-UE, bħar-Regolament dwar il-kontroll tas-sajd[8] u r-Regolamenti statistiċi tal-UE[9]. Il-fatt li l-istess dejta mhux ipproċessata trid tintbagħat

---

[7] Definiti bħala korpi b'interess ta' riċerka jew ta' ġestjoni fl-analiżi xjentifika ta' dejta fis-settur tas-sajd.

[8] **Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009** li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006

[9] **Ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96

**Ir-Regolament (KE) Nru 1921/2006** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-preżentazzjoni ta' data ta' l-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1382/91

**Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li m'humiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (Tfassil mill-ġdid)

**Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid)

**Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (Tfassil mill-ġdid)

f'formati aggregati b'mod differenti lil utenti finali differenti huwa perċepit bħala sors ieħor ta' kumplessità u ineffiċjenza.

Qasam ieħor huwa **l-ħtieġa li jiżdiedu s-sinerġiji** mal-għanijiet tal-leġiżlazzjoni l-oħra tal-UE. Dan huwa primarjament il-każ għad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD)[10], li għandha l-għan li tilħaq "status ambjentali tajjeb" tal-ibħra tal-UE sal-2020, u li għandha tiġi evalwata permezz ta' 11-il deskrittur kwalitattiv li wħud minnhom huma relatati direttament jew indirettament mas-sajd, fost għodod oħra. Permezz tar-reviżjoni tagħha, id-DCF għandu jiżgura li d-dejta tkun tista' tintuża wkoll għall-implimentazzjoni tal-MSFD.

**Il-kooperazzjoni reġjonali** hija meqjusa b'mod ġenerali bħala waħda mill-kwalitajiet pożittivi tad-DCF, u għandha tiġi msaħħa aktar b'konformità mad-direzzjoni li ttieħdet mir-riforma tal-PKS. Biex tiġi appoġġata r-reġjonalizzazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni tas-sajd permezz ta' parir xjentifiku xieraq fil-livell reġjonali, huwa importanti li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tiġi mħeġġa aktar anki fil-qasam tal-ġbir tad-dejta.

Minħabba l-bażi ta' dejta mdaqqsa ta' studji disponibbli u minħabba li d-DCF kienet soġġett tal-valutazzjoni tal-impatt għall-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) meta l-intenzjoni kienet li d-DCF għandu jkun parti minnha, ġie deċiż li ma kienx meħtieġ li ssir **valutazzjoni tal-impatt** dedikata separata.

## 3.2. L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni tas-sistema attwali

Ir-reviżjoni tad-DCF hija parti mill-Programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) li għandha l-għan li tnaqqas il-burokrazija żejda u telimina l-piż regolatorju. Dan ifisser li d-DCF għandha tiġi simplifikata f'livelli differenti.

### *3.2.1. It-tneħħija ta' trikkib u t-tiftix ta' sinerġiji bejn il-leġiżlazzjonijiet tal-UE*

Il-proposta għandha l-għan li l-ewwel nett tallinja d-DCF u l-leġiżlazzjoni rilevanti l-oħra tal-UE dwar il-ġbir ta' dejta dwar is-sajd sabiex **jitneħħa t-trikkib** u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż tas-sistema kollha ta' dejta dwar il-baħar. Id-DCF se toħloq biss obbligi ta' ġbir ta' dejta sakemm dawn ma jkunux diġà koperti minn leġiżlazzjoni oħra tal-UE, u b'hekk isiru b'mod ċar l-istrument ewlieni tal-UE biex tiġi pprovduta dejta bijoloġika, soċjoekonomika u ambjentali dwar is-sajd, filwaqt li r-Regolament dwar il-Kontroll se jkompli jipprovdi d-dejta ċentrali dwar l-attivitajiet tas-sajd (il-ħatt l-art, il-qabdiet u l-isforz) u r-Regolamenti statistiċi se jkomplu jipprovdu statistika ewlenija dwar il-produzzjoni rigward is-setturi tal-akkwakultura u tal-ipproċessar. Wara dan l-allinjament, il-Kummissjoni se tagħmel il-proposti meħtieġa biex temenda wkoll dawn ir-regolamenti jekk jinqala' l-bżonn għall-finijiet tal-PKS.

Il-proposta għandha wkoll l-għan li **timmassimizza s-sinerġiji** mal-liġijiet ambjentali. Id-DCF attwali ma tipprovdix biżżejjed dejta dwar certi impatti ekosistemiċi tas-sajd, u li madankollu huma meħtieġa għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-MSFD. Dan huwa l-każ ta' qabdiet inċidentali ta' speċijiet protetti (għasafar, mammiferi tal-baħar, fkieren tal-baħar, eċċ.), l-effetti fuq ix-xbieki alimentari (relazzjonijiet bejn il-predaturi u l-priżi), u l-impatt tas-sajd fuq il-ħabitats. Dejta rilevanti dwar dawn it-tliet impatti tista' tinġabar permezz ta'

**Ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tal-11 ta' Marzu 2008 dwar statistika strutturali kummerċjali (formulazzjoni mill-ġdid).

10 http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32008L0056

mekkaniżmi eżistenti jew modifikati tad-DCF u b'hekk, bi spejjeż minimi, isservi wkoll l-għan li ttejjeb l-għarfien dwar l-ambjent tal-baħar.

Se jsiru wkoll sforzi biex tinkiseb sinerġija mal-Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fl-Ewropa[11], li teħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistemi ta' skambju u ħżin ta' dejta kompatibbli għall-għanijiet tal-politiki ambjentali tal-UE u ta' politiki jew attivitajiet li jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent.

### *3.2.2. It-tnaqqis fil-livell ta' preskrizzjonijiet stabbiliti fil-livell tal-UE mingħajr ma jkun hemm kompromessi fil-kwalità tad-dejta*

Il-leġiżlazzjoni għandha tkun aktar orjentata lejn ir-riżultati, u għandha tippermetti li l-Istati Membri jkollhom aktar flessibbiltà fir-rigward tal-implimentazzjoni. Billi jiżgura li jkun hemm involviment akbar u aktar bikri min-naħa tal-Istati Membri, fil-kuntest tal-kooperazzjoni reġjonali, fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-metodoloġiji li għadhom jiġu segwiti jew il-miri ta' kwalità li għandhom jintlaħqu, id-DCF jista' jiġi simplifikat ħafna, filwaqt li s-sistema ta' ġbir ta' dejta tista' ssir aktar flessibbli. Dan jista' jintlaħaq ukoll billi l-utenti finali ewlenin tad-dejta fi ħdan reġjun (bħall-ICES[12], u l-GFCM[13]) ikunu permessi jieħdu sehem fit-tfassil tar-rekwiżiti tad-dejta, sabiex jiġi żgurat li dawn jirreaġixxu b'mod aqwa għall-ħtiġijiet tagħhom, bħal fil-kuntest tat-twaqqif ta' pjanijiet ta' ġestjoni fit-tul. Fil-ġejjieni, dan se jiġi diskuss primarjament mill-Istati Membri u mill-utenti finali f'livell reġjonali, filwaqt li l-validità xjentifika se tibqa' tiġi żgurata permezz tal-involviment tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

Fl-istess ħin, għad irid jinkiseb titjib fil-kwalità u fl-affidibbiltà sabiex jiġi garantit livell għoli ta' kwalità tad-dejta. Mod kif dan jista' jseħħ huwa permezz tal-applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea u tal-qafas ta' Garanzija tal-Kwalità tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

### *3.2.3. It-tnaqqis tad-dettalji deċiżi mill-Kummissjoni, jew irrappurtati lill-Kummissjoni*

Bħalissa, il-programmi nazzjonali jiddeskrivu b'mod dettaljat ħafna dak li se jsir, kif se jsir u minn min se jsir f'kull Stat Membru. L-għan huwa li dan jitnaqqas b'mod sinifikanti. Bħala riżultat tat-tbegħid minn programmi triennali tal-UE lejn programmi tal-UE u nazzjonali pluriennali, l-Istati Membri se jkunu f'pożizzjoni li jippjanaw il-ħidma tagħhom tul perjodu itwal. Dan se jirriżulta wkoll f'piż amministrattiv aktar baxx għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri b'rabta ma' adozzjonijiet annwali ta' deċiżjonijiet ta' finanzjament u ta' pjanijiet ta' ħidma. Bl-istess mod, fir-rigward tar-rappurtar, il-proċess u l-format se jiġu simplifikati ħafna (ara hawn taħt).

### *3.2.4. Ġbir ta' darba, użu f'ħafna okkażjonijiet diversi*

It-talbiet għad-dejta żdiedu maż-żmien, u dan se jkompli jseħħ minħabba li jeħtieġ li l-impatti tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura fuq l-ekosistemi tal-baħar iridu jiġi deskritti dejjem aħjar, u l-effetti tal-attivitajiet tal-bniedem fuq l-ambjent tal-baħar iridu jiġu mmonitorjati dejjem aħjar. Ir-reviżjoni tad-DCF hija opportunità biex, minn naħa waħda, tiġi żgurata disponibbiltà aqwa ta' dejta dwar is-sajd għal ċirku usa' ta' partijiet interessati, u min-naħa l-oħra, sabiex jitnaqqas il-piż tat-talbiet għal dejta li jridu jġorru l-Istati Membri billi jintużaw l-aktar żviluppi tekniċi reċenti.

---

[11] INSPIRE, id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
[12] Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar.
[13] Il-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran.

Sabiex jintlaħaq dan l-għan doppju, l-ewwel proposta għandha l-għan li d-DCF isir l-istrument legali ewlieni li permezz tiegħu l-Istati Membri għandhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meħtieġa lill-utenti tad-dejta (l-utenti finali u partijiet interessati oħra), ikun xi jkun is-sors tal-obbligu legali li skontu tinġabar id-dejta (id-DCF jew kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra tal-UE), sakemm strumenti legali oħra ma jipprevedux diġà d-disponibbiltà tad-dejta (eż. il-biċċa l-kbira tar-Regolamenti statistiċi).

Huwa importanti li ma tittieħed l-ebda miżura ġenerika biex jiġi ristrett, a priori, l-aċċess għad-dejta xjentifika, kemm minn utenti kif ukoll minn partijiet interessati oħra. F'każ li l-protezzjoni ta' dejta personali tkun tinsab f'riskju, għandu jiġi żgurat li jiġu applikati r-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta. F'każ ta' kunflitt bejn l-interessi tal-protezzjoni tad-dejta personali u l-interess pubbliku tad-disponibbiltà tad-dejta, il-maniġers tad-dejta għandhom jiżviluppaw alternattivi minflok sempliċement iżommu d-dejta jew jaggregawha b'mod eċċessiv.

It-tieni proposta għandha l-għan li tibni fuq l-esperjenzi eżistenti ta' ġbir ta' dejta f'livell reġjonali sabiex il-forniment ta' dejta lill-utenti tad-dejta jiġi simplifikat. Il-qafas il-ġdid għandu jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jiġu żviluppati sistemi u formati kompatibbli ta' skambju u ħżin ta' dejta b'konformità ma' dawk miftiehma skont id-Direttiva 2007/2/KE[14], u għandu jippromwovi l-kompatibbiltà bejn il-formati tad-dejta użati skont il-leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni (eż. il-kontroll tas-sajd, MSFD). Mingħajr ma ssir preskrizzjoni tal-metodi jew tar-riżultati finali, hemm opportunità biex il-piż attwali tas-sejħiet għal dejta jitnaqqas ferm.

Dawn il-proposti se jissodisfaw il-mandat stabbilit fir-Regolament il-ġdid dwar il-PKS (Artikolu 25), u se jservu ta' segwitu għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-innovazzjoni fl-Ekonomija Blu[15]: id-disponibbiltà ta' dejta għax-xjenzati u għal kwalunkwe partijiet interessati għandha tiġi żgurata, ħlief f'ċirkostanzi fejn il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità jkunu meħtieġa skont il-liġijiet applikabbli tal-UE. Minħabba li din l-evoluzzjoni teħtieġ iż-żmien biex tkun effettiva, u minħabba li l-konsultazzjonijiet dwar l-aqwa disinn għadhom għaddejjin, ir-Regolament dwar id-DCF għandu jinkludi biss dispożizzjonijiet ġenerali li jirriflettu din l-evoluzzjoni. Dispożizzjonijiet aktar dettaljati se jiġu żviluppati fi stadju aktar tard, meta jintlaħaq kunsens bejn l-Istati Membri dwar l-aktar soluzzjonijiet xierqa.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-ebda implikazzjoni għajr dawk diġà previsti fil-FEMS.

[14] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

[15] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=COM:2014:254:REV1&from=MT. Il-Komunikazzjoni identifikat lakuni fl-għarfien dwar il-baħar fost il-kwistjonijiet li bħalissa qed ifixklu l-innovazzjoni fl-ekonomija blu.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

### 5.1. Pjanijiet ta’ implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar, u miżuri kumplimentari oħra

Minbarra l-bidliet meħtieġa fil-livell tar-Regolament dwar id-DCF, il-Kummissjoni identifikat sett ta’ azzjonijiet kumplimentari li se jiġu implimentati sabiex jiġi żgurat li l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni jintlaħqu b’mod effettiv.

L-ewwel nett, se jiġi żviluppat kunċett ġdid għall-programm pluriennali tal-UE, li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Il-programm futur se jkun inqas preskrittiv għall-Istati Membri, u aktar flessibbli fir-rigward ta' bidliet intermedji. Il-varjabbli ċentrali biss, li jkunu stabbli għall-perjodu kollu, għandhom jiġu inklużi fil-programm pluriennali, filwaqt li varjabbli addizzjonali għandhom jiġu diskussi u rakkomandati minn gruppi reġjonali ta’ Stati Membri, kif se jsir ukoll fir-rigward tar-rekwiżiti dettaljati dwar kif għandha tinġabar id-dejta.

It-tieni, waqt li jkun qed jiġi żviluppat il-programm pluriennali l-ġdid tal-UE, il-Kummissjoni se tevalwa l-kost tal-ġbir ta’ ċerta dejta, kif ukoll il-livell tal-kopertura, tad-dettall u tal-livell ta’ aggregazzjoni tagħha. Filwaqt li għandhom jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti finali, il-Kummissjoni se tevalwa b'mod sistematiku jekk id-dejta tistax tinġabar inqas ta’ spiss jew permezz ta’ mezzi alternattivi li jistgħu jkunu aktar xierqa għat-tip ta’ informazzjoni meħtieġa (eż. studju uniku).

It-tielet, ir-rappurtar annwali se jiġi simplifikat. S’issa, dan ir-rappurtar kien ikkumplikat u ma ntużax biex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi li nqalgħu. Ir-rapporti se jsiru ta' natura inqas narrattiva, se jirrappurtaw l-aktar fatti u ċifri, u se jkunu inqas ripetittivi.

Ir-raba’, mill-2014 qed ikun hemm finanzjament sinifikanti mill-UE mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jtejbu l-ġbir ta' dejta[16]. Waqt li l-programmi qed jiġu diskussi mal-Istati Membri, il-Kummissjoni qed tistedinhom jiffokaw fuq it-titjib tas-sistema stabbilita attwali tagħhom għall-ġbir tad-dejta (b'mod partikolari s-simplifikazzjoni tal-organizzazzjoni u t-titjib tas-sistemi ta’ ħżin u ta’ trażmissjoni ta’ dejta), u biex jinvestu f'kontroll ta' dejta ta' kwalità aħjar filwaqt li jwittu t-triq sabiex jadattaw għal rekwiżiti ġodda ta’ dejta. Barra minn hekk, il-Kummissjoni diġà nediet l-għotjiet bħala parti mill-ġestjoni diretta biex tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni reġjonali. Il-finanzjament se jkun disponibbli għal gruppi ta’ Stati Membri li jkunu qed jippjanaw li jwettqu azzjonijiet konġunti, u b’hekk se jkun qed jibni l-kapaċità biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet il-ġodda tad-DCF dwar il-kooperazzjoni reġjonali meta dawn jidħlu fis-seħħ.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qed tipprepara b’mod attiv biex ittejjeb il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni min-naħa tal-Istati Membri. Għalkemm il-konformità tal-Istati Membri mad-DCF kienet ġeneralment tajba minn mindu bdiet id-DCF, kien hemm problemi relatati

[16] Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (EMFF). L-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta’ ġbir ta' dejta tal-Istati Membri bħala parti mid-DCF issa huwa kofinanzjat bħala parti mill-ġestjoni kondiviża b’rata ta’ 80 %, li żdiedet mir-rata ta' 50 % stabbilita għall-arranġamenti għall-2007-2013. Il-baġit disponibbli huwa ta’ EUR 520 miljun għall-perjodu 2014-2020, li jfisser li hemm aktar fondi disponibbli għall-ġbir ta’ dejta minħabba li l-infiq pubbliku totali disponibbli (l-UE u l-Istati Membri) se jirrappreżenta EUR 650 miljun tul dak il-perjodu ta' 7 snin. Il-kontribuzzjoni mill-Istati Membri se titnaqqas b’mod sinifikanti, minn madwar EUR 30 miljun fis-sena għal EUR 18.5 miljun.

mal-istabbiliment u/jew it-twettiq tal-obbligi tagħhom. Ġeneralment, dan seħħ minħabba problemi ta' kapaċità jew organizzazzjoni amministrattiva.

It-titjib tal-prestazzjoni se jsir permezz ta' mogħdijiet differenti. B'konformità mal-FEMS, l-Istati Membri se jkunu meħtieġa juru, iktar 'il fuq fil-katina tal-attivitajiet, il-kapaċità amministrattiva tagħhom biex jimplimentaw id-DCF permezz tal-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità *ex ante*. Il-FEMS fih ukoll dispożizzjonijiet "iktar 'l isfel fil-katina tal-attivitajiet" li jippermettu lill-Kummissjoni twaqqaf, tissospendi jew tirkupra l-finanzjament tal-UE f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-PKS (kif inhu l-każ bħalissa skont ir-Regolament dwar id-DCF).

Iżda iktar importanti minn hekk, il-Kummissjoni se tbiddel l-approċċ tagħha ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni min-naħa tal-Istati Membri billi tagħti prijorità lill-prevenzjoni ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità u lit-tfittxija ta' rimedji bikrija għan-nuqqasijiet. Dan se jinkiseb billi tingħata aktar attenzjoni lil kwistjonijiet sistemiċi li jwasslu għal nuqqasijiet ta' sottomissjoni ta' dejta, u permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-utenti finali rigward l-opinjoni tagħhom dwar it-twassil ta' dejta mill-Istati Membri.

Fl-aħħar mill-aħħar, il-Kummissjoni mhux se toqgħod lura milli tniedi proċeduri ta' ksur f'każ li dan ikun meħtieġ.

## 5.2. Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Il-bidliet li għandhom isiru fir-regoli stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 jeħtieġu s-sostituzzjoni, it-tħassir jew l-emendar ta' għadd ta' artikoli ta' dak l-att. Li kieku dawk il-bidliet isiru permezz ta' att li jemenda dak ir-Regolament, ir-regoli applikabbli jkunu mferrxin bejn l-att oriġinali u l-att li jemenda, u jiġu identifikati biss permezz ta' tqabbil bejn dawk iż-żewġ atti. Barra minn hekk, l-inserzjoni tar-regoli l-ġodda fil-qafas tal-att oriġinali f'ċerti każijiet twassal għal artikoli twal wisq, bir-riżultat li titnaqqas il-leġibbiltà tat-test. Bħala konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li tipproċedi bit-tfassil mill-ġdid tar-Regolament (KE) Nru 199/2008 sabiex jiġi żgurat li r-regoli applikabbli huma ċari u li dawn jinftiehmu faċilment. Fejn l-artikoli jiġu nnumerati mill-ġdid, il-korrelazzjoni bejn in-numri l-qodma u dawk ġodda tintwera f'tabella li tinsab f'Anness.

F'termini ta' sustanza, din il-proposta temenda biss dawk l-artikoli li fihom il-modifiki huma essenzjali minħabba l-ħtiġijiet il-ġodda li jirriżultaw mir-riforma tal-PKS; il-proposta tħassar l-artikoli li huma żejda u bl-ebda mod ma tibdel dawk l-artikoli u l-elementi li wrew li huma tajbin biżżejjed għall-iskop tagħhom, u li huma kosteffiċjenti skont l-esperjenza tal-passat.

B'mod partikolari, għandhom jinżammu d-dispożizzjonijiet ewlenin tas-sistema attwali: il-ħolqien ta' Programm pluriennali tal-UE, li għandu jiġi implimentat permezz ta' pjanijiet nazzjonali ta' Ġbir ta' Dejta; obbligi ewlenin fil-forma ta' impenji mill-Istati Membri b'rabta mal-ġbir, il-ħżin, il-protezzjoni u l-forniment ta' dejta; dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-utenti finali tad-dejta; u dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni fi ħdan u bejn l-Istati Membri, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' u bejn korpi xjentifiċi u ta' ġestjoni.

Il-modifiki proposti mqabbla mar-Regolament attwali tad-DCF huma ppreżentati kif ġej:

**Artikolu 1**

Għal raġunijiet ta' ċarezza u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni, qed issir distinzjoni bejn dejta miġbura skont dan ir-Regolament li għaliha r-regoli dwar il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu huma

definiti, u dejta miġbura skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li għaliha dan ir-Regolament jiddefinixxi biss regoli dwar l-użu. Dan l-approċċ mhuwiex ġdid, iżda d-distinzjoni ġiet magħmula aktar preċiża.

Id-dejta miġbura skont oqfsa legali oħrajn tinkludi, b'mod partikolari, ir-Regolament (UE) Nru 1224/2009 (dejta dwar l-attivitajiet tas-sajd), ir-Regolament (KE) Nru 295/2008, ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 (statistika dwar l-akkwakultura), id-Direttiva 2008/56/KE (id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina), id-Direttiva 2000/60/KE (id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma), id-Direttiva 2009/147/KE (id-Direttiva dwar l-Għasafar), id-Direttiva 92/43/KEE (id-Direttiva dwar il-Ħabitats), ir-Regolament (KE) Nru 1921/2006 (statistika dwar il-ħatt l-art u l-qabdiet), ir-Regolamenti (KE) Nru 216/2009, (KE) Nru 217/2009, (KE) Nru 218/2009 (statistika dwar il-qabdiet), ir-Regolament (KE) Nru 26/2004 (ir-reġistru tal-flotta), ir-Regolament Nru 812/2004 (ir-Regolament dwar iċ-ċetaċji), ir-Regolament (KE) Nru 1100/2007 (ir-Regolament dwar is-sallur), ir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ir-Regolament dwar il-Mediterran), ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 (traspożizzjoni tal-GFCM) u r-Regolament (KE) Nru 2347/2002 (ir-reġim ta' aċċess għall-baħar fond), ir-Regolament (UE) Nru 1236/2010, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 717/2010/UE (it-traspożizzjoni ta' ftehimiet multilaterali dwar il-kontroll) u r-Regolament (KE) Nru 1006/2008 (ir-Regolament dwar l-Awtorizzazzjonijiet tas-Sajd). Dawn ir-Regolamenti mhumiex elenkati fl-artikoli, iżda fi premessa bħala eżempji.

**Artikolu 2**

Id-dispożizzjonijiet biex jiġu mħarsa r-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta personali jinżammu mir-Regolament eżistenti.

**Artikolu 3**

Filwaqt li l-ġbir tad-dejta dwar is-sajd rikreattiv huwa parti limitata tar-rekwiżiti attwali, id-definizzjoni attwali hija limitata wisq u għandha tkopri t-tipi kollha ta' sajd rikreattiv, u mhux biss dawk li jsiru għal "rikreazzjoni jew sport".

Id-definizzjonijiet użati f'leġiżlazzjonijiet differenti għandhom jiġu allinjati kemm jista' jkun, bħalma għandu jsir fil-każ tad-definizzjoni ta' bastiment tas-sajd. Min-naħa l-oħra, filwaqt li r-reġjuni tal-baħar huma definiti fir-Regolament dwar il-PKS, din id-definizzjoni ma tikkorrispondix għar-reġjuni ġeografiċi applikati fid-DCF, peress li d-definizzjoni tista' tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet li mhumiex kunsiderazzjonijiet xjentifiċi. Għalhekk, fid-definizzjoni ta' reġjuni tal-baħar għal kollaborazzjoni dwar il-ġbir ta' dejta, huwa importanti li dan ikun jista' jsir fuq il-bażi ta' konsiderazzjonijiet xjentifiċi dwar l-istokkijiet kondiviżi.

Ir-Regolament dwar id-DCF ma għandux jibqa' jiddetermina l-metodoloġiji li għandhom jiġu applikati għall-ġbir ta' dejta. Għalhekk, definizzjoni ta' metodu partikolari bħal "kampjunar ibbażat fuq sajd minn flotot" għandha titneħħa.

**Artikolu 4**

Ir-Regolament dwar id-DCF għandu jistabbilixxi biss regoli u kriterji bażiċi dwar dak li għandu jinġabar. L-isfida ewlenija tikkonsisti fis-sejba tal-aktar forma leġiżlattiva xierqa sabiex jiġi stabbilit bilanċ xieraq bejn il-flessibbiltà (pereżempju, l-adattament bla xkiel tal-programmi ta' ġbir ta' dejta għal ħtiġijiet ġodda) u l-prevedibbiltà (pereżempju, il-ħtieġa li jiġi żgurat li dejta ewlenija tinġabar tul perjodu ta' żmien twil biżżejjed li jippermetti l-iżvilupp ta' serje kronoloġika soda).

Fuq naħa waħda, ir-Regolament dwar id-DCF għandu jiżgura primarjament li l-kontenut tal-Programm Pluriennali tal-UE (EU MAP), u kwalunkwe emendi li jsiru fih, għandhom ikunu bbażati fuq ċerti prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament dwar il-PKS. M'hemmx bżonn li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu ripetuti, iżda madankollu r-rabta ssir permezz ta' premessi.

Min-naħa l-oħra, il-varjabbli, l-ispeċijiet, is-segmenti, id-dimensjonijiet, inklużi l-livelli ta' kopertura u ta' aggregazzjoni (x'għandu jinġabar) u l-metodoloġiji (kif għandu jsir il-ġbir) preċiżi għandhom ikunu dettaljati f'att delegat tal-Kummissjoni (x'għandu jinġabar) jew għandhom jiġu diskussi l-ewwel mill-Istati Membri fi gruppi reġjonali (kif għandu jsir il-ġbir). Fir-rigward tal-ewwel aspett, din hija l-funzjoni primarja tal-EU MAP, filwaqt li għat-tieni aspett, l-impenji meħuda mill-Istati Membri għandhom ikunu riflessi fil-pjanijiet ta' ħidma tagħhom.

Bħalissa, fir-Regolament dwar id-DCF ma jeżisti l-ebda kriterju bħala gwida għall-istabbiliment tal-EU MAP. L-introduzzjoni ta' kriterji għandha l-għan li tintroduċi aktar trasparenza, u approċċ razzjonali, fl-għażla tal-ħtiġijiet ta' dejta.

Qabel ma l-Kummissjoni tadotta l-EU MAP permezz ta' att delegat, għandhom jiġu kkonsultati Gruppi ta' Koordinazzjoni Reġjonali, esperti mill-Istati Membri u xjenzati tal-UE fl-STECF.

**Artikolu 5**

*Il-paragrafi 1 u 3:* Id-dejta li għandha tiġi inkluża fl-EU MAP hija dik li ma tkunx inġabret bħala parti minn leġiżlazzjoni oħra tal-UE.

*Il-paragrafu 2:* Jiġu speċifikati l-kategoriji ta' ħtiġijiet ta' dejta. Dawn huma l-kategoriji li għandhom jiġu inklużi fl-EU MAP.

Fir-rigward tad-dejta dwar is-sajd, il-ħtieġa eżatta għandha tiġi derivata mill-konsiderazzjonijiet prinċipali li ġejjin:

– il-konformità mal-obbligi internazzjonali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha;

– ir-rekwiżiti tad-dejta għal stokkijiet li huma ġestiti skont il-leġiżlazzjoni tal-UE. Ir-rekwiżiti tad-dejta eżatti, inklużi l-kwantitajiet varjabbli u l-perjodiċità, għandhom ikunu dawk meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE. Fost l-eżempji nsibu: l-għanijiet tal-PKS rigward l-MSY, il-pjanijiet rilevanti ta' ġestjoni fit-tul jew il-pjanijiet dwar ir-rimi fil-livell tal-UE, reġjonali jew nazzjonali; ir-Regolamenti dwar l-opportunitajiet tas-sajd; id-daqsijiet minimi ta' referenza speċifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ir-Regolament dwar il-Mediterran), ir-Regolament (KE) Nru 2347/2002 (ir-Reġim ta' Aċċess għall-Baħar Fond)[17], u r-Regolament (KE) Nru 1100/2007 (ir-Regolament dwar is-Sallur). Rekwiżiti tad-dejta għal stokkijiet li bħalissa mhumiex ġestiti skont il-leġiżlazzjoni tal-UE iżda li huma ta' importanza soċjali jew ekonomika sinifikanti. F'dan il-kuntest, is-sajd rikreattiv jista' jiġi inkluż meta xieraq, pereżempju meta dan huwa

[17] Se jkun hemm bżonn li jiġi żgurat li jkun jsir allinjament bejn il-ħtiġijiet tal-proposta attwali u l-proposta tar-Reġim ta' Aċċess għall-Baħar Fond, li bħalissa qed jiġi diskuss mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, b'rabta mad-dispożizzjonijiet dwar il-ġbir tad-dejta msemmija fl-Artikolu 19 u fl-Anness II(http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2012:0371:FIN:MT:PDF)

mistenni li jkollu effett sinifikanti fuq il-mortalità mis-sajd u meta ma jkunx diġà kopert mill-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1224/2009 (ir-Regolament dwar il-Kontroll);

– id-dejta soċjo-ekonomika dwar is-settur tas-sajd tinġabar primarjament permezz tad-DCF, u hija essenzjali għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni tiegħu;

– id-dejta meħtieġa għall-valutazzjoni tal-impatt tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar. Din tinkludi: dejta dwar il-qabda inċidentali ta' speċijiet mhux fil-mira, b'mod partikolari speċijiet li huma protetti skont il-liġijiet internazzjonali jew il-liġijiet tal-UE; dejta dwar l-impatti tas-sajd fuq il-ħabitats tal-baħar; u dejta dwar l-impatti tas-sajd fuq ix-xbieki alimentari.

Dejta dwar l-attività tas-sajd (il-qbid, il-ħatt, l-isforz u l-kapaċità) hija meħtieġa għall-analiżijiet bijoloġiċi u ekonomiċi. Għal din id-dejta, ix-xjenzati qegħdin jagħmlu użu parzjalment minn dejta minn ċensimenti jew li ġiet irreġistrata jew miġbura bħala parti mir-Regolament dwar il-Kontroll. Madankollu, bħalissa hemm lakuni importanti li jeħtieġ li jimtlew permezz tad-DCF, bħalma huma s-segmenti iżgħar tal-flotta u l-qabdiet ta' inqas minn 50 kg, u din is-sitwazzjoni se tibqa' kif inhi sa meta r-Regolament dwar il-Kontroll ikun jista' jkopri wkoll dawn il-varjabbli.

Rigward l-akkwakultura, huma meħtieġa varjabbli dwar is-sostenibbiltà minħabba l-għan tal-PKS dwar l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura, b'mod partikolari l-impatti u l-effiċjenza tal-akkwakultura li għalihom jistgħu jintużaw parametri bħall-mortalità/telf u d-dħul ta' prodotti farmaċewtiċi. It-trikkib li jeżisti bħalissa bejn id-DCF u r-Regolamenti Statistiċi dwar il-produzzjoni primarja tad-dejta se jiġi eliminat permezz ta' sistema ta' ħidma fejn ir-rekwiżiti dwar il-ġbir ta' dejta ċentrali dwar il-produzzjoni se jiġu koperti mir-Regolamenti Statistiċi u minn dejta soċjoekonomika u ambjentali addizzjonali/dejta dwar is-sostenibbiltà mid-DCF, meta din tkun meħtieġa u meta ma tkunx diġà nġabret xi mkien ieħor. Rigward is-settur tal-ipproċessar, id-dejta miksuba attwalment dwar l-ipproċessar tal-ħut tinġabar kemm skont id-DCF kif ukoll skont ir-Regolament dwar l-Istatistika Strutturali Kummerċjali (SBS), bħala parti mill-kategorija tal-agrikoltura/tal-ipproċessar tal-ikel. Fil-futur, id-DCF se jispeċifika rekwiżiti addizzjonali dwar il-ġbir tad-dejta biss meta dawn ma jkunux diġà ġew speċifikati fir-Regolamenti SBS.

*Il-paragrafi 4 u 5*: Fir-rigward ta' stħarriġiet ta' riċerka, attwalment, il-lista għandha tiġi speċifikata fl-EU MAP minħabba li hemm bżonn ta' qafas ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-istituti xjentifiċi, peress li ħafna mill-istħarriġiet isiru f'livell internazzjonali. Ġie stabbilit qafas bi kriterji dwar meta għandhom jitwettqu l-istħarriġiet, filwaqt li fl-EU MAP jistgħu jiġu stabbiliti livelli limitu għall-attivitajiet tas-sajd għall-Istati Membri, u li taħthom l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jipparteċipaw.

Biex ikun hemm bilanċ bejn il-piż tat-twaqqif ta' programm ta' kampjunar u l-benefiċċji tal-ġbir ta' dejta, ir-Regolament dwar id-DCF għandu jinkludi dispożizzjoni dwar il-possibbiltà li jingħataw derogi lill-Istati Membri b'rabta mal-kampjunar ta' ċerta dejta. L-EU MAP għandha tispeċifika l-kundizzjonijiet li skonthom l-Istati Membri jistgħu jingħataw derogi b'rabta mal-kampjunar.

**Artikolu 6**

*Il-paragrafu 1:* Id-dispożizzjonijiet dwar il-modalitajiet tal-implimentazzjoni tal-programm tal-Unjoni għandhom jiġu aġġornati fid-dawl tal-adozzjoni, li seħħet dan l-aħħar, tar-

Regolament (UE) Nru 508/2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

Mill-2014, il-programmar tal-attivitajiet ta' ġbir ta' dejta se jsir fuq il-bażi tar-**regoli stabbiliti skont il-FEMS**. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw **Programm Operazzjonali** tal-FEMS li jinkludi taqsima dwar il-ġbir ta' dejta (l-Artikolu 18(1)(p)). Din għandha tinkludi deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-ġbir ta' dejta, tal-metodi tal-ħżin ta' dejta, tal-ġestjoni u tal-użu tad-dejta u deskrizzjoni tal-kapaċità biex tinkiseb ġestjoni finanzjarja u amministrattiva tajba tad-dejta miġbura. It-taqsima tal-Programm Operazzjonali dwar il-ġbir ta' dejta għandu jkun fiha informazzjoni aktar ġenerika dwar it-temi msemmija hawn fuq, u għandha tkun inqas dettaljata mill-Programmi Nazzjonali attwali. Dan il-programm se jiġi adottat mill-Kummissjoni u se jikkostitwixxi l-bażi għall-obbligi tal-Istati Membri, kif ukoll għall-kofinanzjament ta' dawn l-attivitajiet mill-UE. Fi kliem ieħor, minflok żewġ deċiżjonijiet dettaljati suċċessivi dwar il-Programmi Nazzjonali li jittieħdu kull tliet snin, flimkien ma' deċiżjonijiet ta' finanzjament meħuda fuq bażi annwali, il-programmar tal-attivitajiet ta' ġbir ta' dejta se jeħtieġu biss deċiżjoni strateġika waħda tal-Kummissjoni għal seba' snin.

Il-Programm Operazzjonali tal-FEMS se jkun ikkomplementat minn **pjan ta' ħidma nazzjonali**, li jkun fih aktar dettalji dwar l-attivitajiet li għandhom jitwettqu. Dan għandu jiġi ppreżentat kull sena, sakemm ma jkunx għadu qed japplika l-pjan ta' ħidma nazzjonali tas-sena ta' qabel (Artikolu 21). Dan il-pjan ta' ħidma għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni permezz ta' proċeduri simplifikati. Meta tkun qed tistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni dwar il-preżentazzjoni tal-pjan ta' ħidma nazzjonali, il-Kummissjoni għandha titgħallem mill-esperjenza tal-passat u tissimplifika l-proċessi ta' sottomissjoni, approvazzjoni u rappurtar relatati ma' dawn il-pjanijiet ta' ħidma, sabiex il-benefiċċji ta' simplifikazzjoni introdotti mis-sistema l-ġdida jiġu massimizzati.

*Il-paragrafu 2:* Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-kontenut tal-pjan ta' ħidma għandu jiġi deskritt f'dan ir-Regolament. Il-proċedura, il-format u l-iskedi ta' żmien jistgħu jiġu speċifikati f'aktar dettall f'att ta' implimentazzjoni b'konformità mal-Artikolu 22(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

L-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 jirreferi għall-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 199/2008, filwaqt li wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, ikun aħjar li ssir referenza għall-Artikolu 4 kollu.

*Il-paragrafu 3*: Fir-rigward tat-twaqqif ta' metodoloġiji għall-ġbir ta' dejta, hemm bżonn ta' dispożizzjonijiet ġodda li jiddeskrivu liema passi għandhom isegwu l-Istati Membri, u x'għandhom iqisu waqt li jagħmlu dan. Dan jinkludi koordinazzjoni sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u sabiex jittieħed vantaġġ mill-ekonomiji ta' skala. L-involviment tal-Kummissjoni se jikkonsisti biss fil-verifika dwar jekk il-pjanijiet ta' ħidma li jirriżultaw humiex konformi mal-obbligi tal-Istati Membri, u dwar jekk il-kopertura hijiex suffiċjenti jew le. L-STECF se jiġi kkonsultat qabel ma l-pjanijiet ta' ħidma jiġu approvati.

**Artikolu 7**

Ir-rwol u l-kompiti ta' korrispondent nazzjonali, li qabel kienu stipulati fir-Regolament (KE) Nru 665/2008, huma speċifikati aktar fid-dettall.

**Artikolu 8**

*Il-paragrafu 1:* Il-proċess li permezz tiegħu jiġu ddeterminati l-ħtiġijiet ta' dejta għandu għeruq sodi fil-kooperazzjoni reġjonali. Filwaqt li għandu jsir progress fuq il-bażi tal-mekkaniżmi eżistenti ta' Laqgħat ta' Koordinazzjoni Reġjonali, f'kull reġjun tal-baħar għandu jseħħ proċess kontinwu kkoordinat minn Gruppi ta' Koordinazzjoni Reġjonali (RCGs). Dawn il-gruppi għandhom ikunu magħmula minn esperti mill-Istati Membri, minn esperti mill-Kummissjoni, u minn utenti finali rilevanti tad-dejta (*il-paragrafu 2*). Il-gruppi għandhom jiddeċiedu dwar ir-regoli tagħhom ta' proċedura (*il-paragrafu 3*). Sabiex jinżamm grad ta' omoġeneità u rispett għall-prinċipji orizzontali stabbiliti mir-regoli tal-UE, il-ġbir ta' dejta rilevanti għar-reġjuni kollha se jiġi kkoordinat mill-Kummissjoni (*il-paragrafu 4*)[18].

Il-koordinazzjoni fi ħdan l-RCGs tista' tirriżulta f'rakkomandazzjonijiet konġunti fil-forma ta' abbozz ta' pjan ta' ħidma reġjonali dwar il-proċeduri, il-metodi, il-garanzija tal-kwalità u l-kontroll tal-kwalità għall-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta. Din l-innovazzjoni tista' twassal għal benefiċċji importanti f'termini ta' allinjament u ta' kwalità ġenerali tal-proċess tal-ġbir ta' dejta, kif ukoll għal aġġustament aħjar bejn id-dejta miġbura u ħtiġijiet reġjonali għal parir xjentifiku. Għal finijiet ta' simplifikazzjoni, jista' jkun li pjanijiet ta' ħidma reġjonali ikunu jistgħu jissostitwixxu partijiet minn pjanijiet ta' ħidma nazzjonali. Bħall-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali, il-pjanijiet ta' ħidma reġjonali jridu jiġu approvati mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni tal-STECF (*il-paragrafi 5 u 6*).

Meta tistabbilixxi l-EU MAP, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-RCGs (ara l-Artikolu 3), u bl-istess mod, meta jkunu qed ifasslu l-pjanijiet ta' ħidma tagħhom, l-Istati Membri l-ewwel għandhom jikkonsultaw lil xulxin fi ħdan RCGs (l-Artikolu 4), u għandhom ukoll jemendaw il-pjanijiet ta' ħidma b'konformità ma' rakkomandazzjonijiet konġunti minn RCGs jew ma' pjanijiet ta' ħidma reġjonali (*il-paragrafu 6*).

Kif meħtieġ, id-dispożizzjonijiet għal koordinazzjoni reġjonali jistgħu jiġu speċifikati f'aktar dettall f'atti ta' implimentazzjoni (*il-paragrafu 7*).

**Artikoli 9 u 10**

Ir-referenzi għal programmi nazzjonali għandhom jiġu sostitwiti b'referenzi għal pjanijiet ta' ħidma, filwaqt li referenzi għal dispożizzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu mħassra minħabba li huma koperti mill-FEMS.

Il-konsultazzjoni tal-STECF dwar il-pjanijiet ta' ħidma tal-Istati Membri u r-rapporti annwali mill-Kummissjoni hija komparabbli mal-konsultazzjoni attwali dwar il-programmi nazzjonali, u għandha titkompla sabiex tiġi vverifikata l-konformità tal-obbligi tal-Istati Membri.

Att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għandu jippermetti simplifikazzjoni ulterjuri tal-għodod u l-formati ta' rappurtar.

**Tħassir ta' dawk li qabel kienu l-Artikoli 8, 9, 10, 11, 12, 15, 18 u 19**

Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) biddel l-istruttura tal-appoġġ finanzjarju

[18] Il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE se ssir fil-forma ta' grupp ta' esperti tal-UE dwar il-ġbir ta' dejta, li fost ir-responsabbiltajiet tiegħu se jkollu jwettaq ix-xogħol li attwalment qed isir mill-Grupp ta' Ppjanar dwar Kwistjonijiet Ekonomiċi.

lill-attivitajiet ta' ġbir ta' dejta tal-Istati Membri, u huwa l-uniku strument ta' finanzjament tal-UE għall-attivitajiet ta' ġbir ta' dejta tal-Istati Membri. Għalhekk, jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 199/2008 jiġi allinjat b'mod korrispondenti, u li titneħħa kwalunkwe dispożizzjoni dwar l-assistenza finanzjarja tal-UE mir-Regolament dwar id-DCF (f'dak li qabel kien l-Artikolu 8).

Ir-regoli tal-UE ma għandhomx jibqgħu jiddeterminaw il-metodoloġiji li għandhom jiġu applikati għall-ġbir ta' dejta. Għalhekk, dispożizzjonijiet dwar metodi partikolari ta' ġbir ta' dejta għandhom jitneħħew (f'dawk li qabel kienu l-Artikoli 9, 10, 11 u 12). Dawn il-metodi se jiġu elaborati fi gruppi ta' esperti tal-UE, f'rakkomandazzjonijiet konġunti tal-RCGs, jew fi pjanijiet ta' ħidma reġjonali.

B'mod speċifiku, dak li qabel kien l-Artikolu 9 għandu jiġi mħassar ukoll minħabba li fih kienu stipulati metodi ta' kampjunar li għalihom attwalment hemm alternattivi aħjar, u li jistgħu jiġu deċiżi f'livell reġjonali.

Id-dispożizzjonijiet ta' dak li qabel kien l-Artikolu 10 issa huma koperti fl-Artikolu 11 li ġie propost.

Dak li qabel kien l-Artikolu 11 jista' jiġi mħassar minħabba li d-dispożizzjonijiet tiegħu fil-*paragrafi 1* u *2* huma koperti mill-Artikoli 3 u 4 li ġew proposti, filwaqt li d-dispożizzjonijiet tiegħu fil-*paragrafi 3* u *4* huma koperti mill-Artikolu 6 li ġie propost.

Dak li qabel kien l-Artikolu 12 għandu jiġi mħassar minħabba li d-dispożizzjonijiet tiegħu huma koperti mill-Artikolu 5 li ġie propost.

Dak li qabel kien l-Artikolu 15 huwa mħassar minħabba li jsir żejjed u bla effett minħabba l-Artikoli 1 u 4 l-ġodda u minħabba l-premessa 5 l-ġdida.

Dawk li qabel kienu l-Artikoli 18 u 19 huma mħassra minħabba li ġew miġbura flimkien mal-Artikolu 16.

**Artikolu 11**

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva u omoġenja tad-DCF mill-Istati Membri, jeħtieġ li jkun hemm rekwiżiti ewlenin rigward id-drittijiet tal-kolletturi tad-dejta u l-obbligi tal-kaptani tal-bastimenti tas-sajd. Dawn ir-rekwiżiti jissupplementaw id-dispożizzjonijiet eżistenti tar-Regolament (KE) Nru 199/2008, u jistgħu jiġu speċifikati b'mod ulterjuri f'atti ta' implimentazzjoni.

**Artikoli 16 u 17**

L-Artikoli 16 u 17 għandhom jissostitwixxu dawk li qabel kienu l-Artikoli 18 u 19 sabiex jiġi żgurat l-allinjament mal-Artikolu 25(2)(e) tar-Regolament dwar il-PKS bil-ħsieb li jiddaħħal fis-seħħ il-prinċipju tiegħu ta' disponibbiltà f'waqtha u ta' forniment lil kwalunkwe parti interessata. F'ċirkostanzi fejn il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità jkunu meħtieġa minn liġijiet applikabbli tal-Unjoni, dan għandu jipprevedi s-salvagwardji meħtieġa sabiex dan jiġi żgurat.

Dejta primarja hija definita bħala "dejta assoċjata ma' bastimenti individwali, persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew kampjuni individwali" (l-Artikolu 2(e)). Dejta primarja tista' tinkludi dejta personali, li tikkonċerna individwi identifikati jew li jistgħu jiġu identifikati direttament jew indirettament, bħal pereżempju sidien ta' bastimenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-

dejta primarja "tinħażen b'mod sikur f'bażijiet ta' dejta kompjuterizzati", u li din tiġi ttrattata "bħala kunfidenzjali" (Artikolu 12(a)). Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw din id-dejta primarja mhumiex modifikati minn din il-proposta.

Madankollu, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta huma rilevanti fil-każ fejn dejta dettaljata estratta mis-sistema għal skop analitiku speċifiku kieku tagħti riżultat li jkun jista' jidentifika persuna fiżika.

Dejta dettaljata hija dejta bbażata fuq dejta primarja f'forma li ma tippermettix li persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi jiġu identifikati b'mod dirett jew indirett. Dejta aggregata hija r-riżultat tas-sintesi tad-dejta primarja jew dik dettaljata għal finijiet analitiċi speċifiċi. Skont ir-Regolament attwali, l-Istati Membri għandhom jipprovdu din id-dejta lill-utenti finali u lil partijiet interessati oħra fuq talba. Skont l-Artikolu 16 ta' din il-proposta, dan il-prinċipju tal-aħħar huwa affermat mill-ġdid. B'mod ġenerali, din id-dejta x'aktarx li ma tistax tidentifika persuna fiżika, iżda għal settijiet ta' dejta żgħar ħafna jista' jkun hemm ir-riskju li jkun possibbli li dan iseħħ. B'hekk, il-proposta tinkludi dispożizzjoni li tistipula li għandu jkun hemm salvagwardji f'każ li jkun hemm riskju, b'rabta ma' settijiet ta' dejta, fejn dejta personali tista' tiġi rivelata b'mod dirett jew indirett.

B'mod aktar speċifiku:

Il-*paragrafu 1* itenni l-prinċipju tal-puntwalità tal-forniment tad-dejta u l-ħtieġa li jiġu evitati restrizzjonijiet mhux meħtieġa. Il-*paragrafu 2* iżid ir-rekwiżit li l-Istati Membri għandhom jiżguraw salvagwardji xierqa, bħal livelli ogħla ta' aggregazzjoni jew anonimizzazzjoni tad-dejta f'każ li din tinkludi informazzjoni relatata ma' persuni fiżiċi identifikati jew identifikabbli.

Il-p*aragrafu 2* jistipula wkoll li atti delegati għandhom jiddefinixxu liema tip ta' salvagwardji huma meħtieġa.

Il-*paragrafu 3* jistipula obbligu li jiġi żgurat li l-utenti finali involuti fl-għoti ta' pariri xjentifiċi dwar is-sajd[19] jiġu pprovduti b'dejta fi żmien skadenzi relattivament qosra, minħabba li għandhom jipprovdu pariri f'waqthom lil maniġers tal-impriżi tas-sajd u, fejn rilevanti, lil maniġers ambjentali. Partijiet interessati oħra bħall-Kunsilli Konsultattivi stabbiliti skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, membri tal-komunità xjentifika jew membri tal-pubbliku, li huma interessati mid-dejta fl-interess tal-pubblikazzjoni xjentifika, id-dibattitu pubbliku u l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fl-iżvilupp tal-politika wkoll għandhom jingħataw garanzija li jirċievu d-dejta li jeħtieġu qabel ċertu żmien ta' skadenza.

Il-*paragrafi 3 u 4* iżommu dispożizzjoni eżistenti tal-Artikolu 20(3).

L-Artikolu 17 jistabbilixxi rekwiżit biex tiżdied il-kompatibbiltà ta' sistemi ta' skambju u ħażna ta' dejta sabiex jiġi faċilitat l-iskambju ta' dejta bejn l-Istati Membri, l-utenti finali u l-Kummissjoni. Filwaqt li jsir hekk, hemm ukoll rekwiżit biex jiġi faċilitat it-tixrid ta' informazzjoni lil partijiet interessati oħra (*il-paragrafu 1*). Ir-Regolament ma jistipulax f'liema forma għandhom iseħħu dawn il-modalitajiet ta' skambju, peress li għad hemm ħtieġa li l-possibbiltajiet tekniċi jiġu esplorati aktar. Fi kwalunkwe każ, il-partijiet ta' tali sistema ta' dejta għandhom jiżguraw ukoll il-protezzjoni tad-dejta personali, u għaldaqstant għandhom

[19] Għandu jiġi nnutat li l-parir xjentifiku jinkludi pariri mhux biss dwar il-konservazzjoni tas-sajd, iżda wkoll dwar is-sajd ibbażat fuq l-ekosistema u l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali.

jistabbilixxu salvagwardji xierqa bħal livell ogħla ta' aggregazzjoni jew anonimizzazzjoni tad-dejta f'każ li d-dejta tinkludi informazzjoni relatata ma' persuni fiżiċi identifikati jew identifikabbli (*il-paragrafu 2*).

**Artikolu 24**

L-Artikolu 24 jaġġorna r-referenza għall-isem tal-Kumitat wara l-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar il-PKS, u ġiet miżjuda dispożizzjoni dwar ir-rappurtar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

**Tħassir tal-Artikolu 25, l-introduzzjoni tal-Artikolu 23, u l-modifika ta' dak li qabel kien l-Artikolu 27 u li issa huwa l-Artikolu 24**

Ir-Regolament dwar id-DCF ġie adottat qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, u b'hekk jeħtieġ li r-regoli applikabbli għall-proċeduri ta' delega u ta' komitoloġija jiġu aġġornati.

## 6. SKEDA TA' ŻMIEN

Ir-Regolament (KE) Nru 199/2008 mhuwiex limitat b'terminu ta' żmien, u se jibqa' fis-seħħ sakemm jiġi emendat. Madankollu, il-Programm Pluriennali attwali tal-UE, kif ukoll il-Programmi Nazzjonali tat-23 Stat Membru, jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2016. Għalhekk, huwa importanti li l-emenda għad-DCF tiġi adottata fil-ħin sabiex ikunu jistgħu jsiru l-adozzjoni tal-Programm Pluriennali tal-UE u l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma tal-Istati Membri sa tmiem l-2016, fid-dawl tat-tħejjijiet u l-konsultazzjonijiet meħtieġa bejn l-Istati Membri fil-livell reġjonali u ma' korpi xjentifiċi bħall-STECF.

⬇ 199/2008 (adattat)

2015/0133 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-istabbiliment ta' qafas ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' d~~a~~ejta fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd**
**(riformulazzjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~ ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫, u b'mod partikolari l-Artikolu ~~37~~ ⌦ 43 ⌫ (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⌦ Ewropea ⌫,

~~Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,~~

⌦ Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali ⌫,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

⌦ Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, ⌫

Billi:

⇩ ġdid

(1) Għandhom isiru numru ta' emendi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008[20]. Fl-interess taċ-ċarezza, jeħtieġ li dak ir-Regolament jiġi riformulat.

(2) Il-Politika Komuni tas-Sajd saritilha riforma permezz tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21]. L-għanijiet tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u r-rekwiżiti għall-ġbir ta' dejta fis-settur tas-sajd huma stipulati fl-Artikoli 2 u 25 ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE)

[20] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1).

[21] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE. (ĠU L354, 28.12.2013, p. 22).

Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] wettaq riforma fl-istruttura tal-appoġġ finanzjarju mogħti lill-attivitajiet ta' ġbir ta' dejta tal-Istati Membri.

---

🡻 199/2008 premessa 1 (adattata)

~~Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal- 20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd[23] jipprevedi valutazzjonijiet regolari mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (minn issa 'l quddiem "STECF") tal-ġestjoni tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin, li jinkludu konsiderazzjonijiet bijoloġiċi, ekonomiċi, ambjentali, soċjali u tekniċi.~~

---

🡻 199/2008 premessa 2 (adattata)

~~Il-Kodiċi ta' Mġiba għal Sajd Responsabbli ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u ta' l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Ħażniet ta' Ħut Transżonali t-tnejn li huma jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu żviluppati r-riċerka u l-ġbir tad-data bil-għan li jittejjeb l-għarfien xjentifiku tas-settur.~~

---

🡻 199/2008 premessa 3 (adattata)

(3) F'konformità mal-objettivi tal-Politika Komuni dwar is-Sajd dwar il-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttament tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin f'ilmijiet mhux ~~Komunitarji~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ , ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ għandha tieħu sehem fl-isforzi li jittieħdu għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd, notevolment skont id-dispożizzjonijiet adottati fi Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd jew minn Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd.

---

🡻 199/2008 premessa 4 (adattata)

~~Fit- 23 ta' Jannar 2003, il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li tistabbilixxi "Pjan ta' Azzjoni Komunitarju sabiex jiġu integrati l-ħtiġiet tal-ħarsien ambjentali fil-PKS" bi prinċipji ta' gwida, miżuri ta' ġestjoni u programm ta' ħidma, u b'hekk lejn approċċ ekosistemiku għall-ġestjoni tas-sajd.~~

---

🡻 199/2008 premessa 5 (adattata)

~~Fit- 13 ta' Ottubru 2003, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar it-titjib tal-parir xjentifiku u tekniku għall-ġestjoni tas-Sajd fil-Komunità, li jiddeskrivu l-ħtiġiet Komunitarji għall-parir xjentifiku, jistabbilixxu l-mekkaniżmi għall-għoti ta' pariri, jidentifikaw l-oqsma fejn is-sistema jeħtieġ li tissaħħaħ u jissuġġerixxu soluzzjonijiet possibbli fuq perijodu qasir, dak medju u dak fit-tul.~~

---

[22] Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

[23] ~~ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p. 1).~~

🡻 199/2008 premessa 6 (adattata)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000 tad- 29 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi struttura Komunitarja għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data meħtieġa għat-twettiq tal-politika komuni dwar is-sajd[24] jeħtieġ li jiġi rivedut sabiex jitqies debitament approċċ ibbażat fuq il-flotta lejn il-ġestjoni tas-sajd, il-ħtieġa li jiġi żviluppat approċċ ekosistemiku, il-ħtieġa għal kwalità aħjar, kompletezza u aċċess usa' għad-data dwar is-sajd, appoġġ aktar effiċjenti għall-għoti ta' parir xjentifiku u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni fost l-Istati Membri.

🡻 199/2008 premessa 7 (adattata)

Ir-Regolamenti attwali fil-qasam tal-ġbir u l-ġestjoni tad-data dwar is-sajd jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-ġbir u l-ġestjoni ta' data dwar il-bastimenti tas-sajd, l-attivitajiet u l-qabdiet tagħhom u dwar il-monitoraġġ tal-prezzijiet, li għandhom jitqiesu f'dan ir-Regolament sabiex jiġi allinjat il-ġbir u l-użu ta' din id-data fil-Politika Komuni dwar is-Sajd u biex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tal-ġbir ta' data. Dawn ir-Regolamenti huma r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 tat- 12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni[25], ir-Regolament (KE) Nru 788/1996 tat- 22 ta' April 1996 dwar is-sottomissjoni ta' l-Istati Membri ta' statistiċi dwar il-produzzjoni ta' l-akwakultura[26], ir-Regolament (KE) Nru 2091/1998 tat- 30 ta' Settembru 1998 dwar is-segmentazzjoni tal-flotta tas-sajd tal-Komunità u l-isforzi tas-sajd b'relazzjoni mal-programmi multiannwali[27], ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 tas- 17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura[28], ir-Regolament (KE) Nru 2347/2002 tas- 16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi ħtiġijiet speċjali ta' aċċess u kondizzjonijiet relattivi għas-sajd ta' ħażniet ta' baħar fond[29], ir-Regolament (KE) Nru 1954/2003 ta' l- 4 ta' Novembru 2003 dwar l-immaniġġjar ta' l-isforz għas-sajd li jirrigwarda ċerti żoni u riżorsi tas-sajd tal-Komunità[30], ir-Regolament (KE) Nru 2244/2003 tat- 18 Diċembru 2003 li jistabbilixxi disposizzjonijiet dettaljati dwar is-Sistemi ta' Sorveljanza tal-Bastimenti bis-satellita[31], ir-Regolament (KE) Nru 26/2004 tat- 30 ta' Diċembru 2003 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità[32], ir-Regolament (KE) Nru 812/2004 tas- 26 ta' April 2004 li jippreskrivi miżuri li jikkonċernaw qabdiet inċidentali ta' ċetaċji fil-meded (żoni) tas-sajd[33], ir-Regolament (KE) Nru 1921/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Diċembru 2006 dwar il-preżentazzjoni ta' data ta' l-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri[34], ir-Regolament (KE) Nru

24 ĠU L 176, 15.7.2000, p. 1.
25 ĠU L 150, 30.4.2004, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir- Regolament (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 248, 24.7.2007, p. 1).
26 ĠU L 108, 1.5.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
27 ĠU L 266, 1.10.1998, p. 36.
28 ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1759/2006 (ĠU L 335, 1.12.2006, p. 3).
29 ĠU L 351, 28.12.2002, p. 6. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2269/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 1).
30 ĠU L 289, 7.11.2003, p. 1.
31 ĠU L 333, 20.12.2003, p. 17.
32 ĠU L 5, 9.1.2004, p. 25. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1799/2006 (ĠU L 341, 7.12.2006, p. 26).
33 ĠU L 150, 30.4.2004, p. 12. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 809/2007 (ĠU L 182, 12.7.2007, p. 1).
34 ĠU L 403, 30.12.2006, p. 1.

~~1966/2006 tal- 21 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni u r-rappurtar elettroniku ta' l-attivitajiet tas-sajd u dwar il-mezzi ta' telerilevament[35], ir-Regolament (KE) Nru 1100/2007 tat- 18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru ta' l-istokk tas-sallura Ewropea[36].~~

---

⇩ ġdid

(4) Għal raġunijiet ta' ċarezza u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni, huwa importanti li ssir distinzjoni bejn dejta miġbura skont dan ir-Regolament li għaliha r-regoli dwar il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu huma definiti, u dejta miġbura skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li għaliha dan ir-Regolament jiddefinixxi biss regoli dwar l-użu.

(5) Id-dejta miġbura skont oqfsa legali oħrajn tinkludi d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37], ir-Regolament (KE) Nru 1921/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38], ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39], id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40], ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41], ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42], ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43], ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44], id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45], ir-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46], ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47], id-Direttiva tal-Kunsill

---

35 ~~ĠU L 409, 30.12.2006, p. 1, korrett bil-ĠU L 36, 8.2.2007, p. 3.~~

36 ~~ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17.~~

37 Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

38 Ir-Regolament (KE) Nru 1921/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-preżentazzjoni ta' data tal-istatistika dwar l-iżbark ta' prodotti tas-sajd fl-Istati Membri u li tħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1382/91 (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 1).

39 Ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar statistika strutturali kummerċjali (formulazzjoni mill-ġdid) (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 13).

40 Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

41 Ir-Regolament (KE) Nru 762/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-preżentazzjoni mill-Istati Membri tal-istatistika dwar l-akkwakultura u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 1).

42 Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li mhumiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

43 Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42).

44 Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

45 Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

46 Ir-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2791/1999 (ĠU L 348, 31.12.2010, p. 17).

47 Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd

92/43/KEE[48], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002[49], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2004[50], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006[51], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007[52], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008[53], ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1224/2009[54], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004[55] u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2010[56].

---

🡻 199/2008 premessa 15 (adattata)

(6) L-obbligi marbuta mal-aċċess għad-daejta koperta b'dan ir-Regolament huma ⌦ għandhom ikunu ⌫ mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2003/4/KE[57] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali, kif ukoll skont ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilltas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali[58].

---

għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

48 Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

49 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi ta' aċċess u kundizzjonijiet relattivi għas-sajd ta' ħażniet tal-baħar fond (ĠU L 351, 28.12.2002, p. 6).

50 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2004 tas-26 ta' April 2004 li jippreskrivi miżuri li jikkonċernaw qabdiet inċidentali ta' ċetaċji fil-mededd (żoni) tas-sajd u jemenda r-Regolament (KC) Nru 88/98 (ĠU L 150, 30.4.2004, p. 12).

51 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

52 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat- 18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17).

53 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93 u (KE) Nru 1627/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3317/94 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33).

54 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

55 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 204/2006 tas-6 ta' Frar 2006 li jadatta r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 571/88 u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/115/KE b'ħarsa lejn l-organizzazzjoni tas-servejs tal-Komunità fuq l-istruttura tal-proprjetà agrikola fl-2007 (ĠU L 34, 7.2.2006, p. 3).

56 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 717/2010 tas-6 ta' Awwissu 2010 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 210, 11.8.2010, p. 24).

57 ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26.

58 ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13.

🡻 199/2008 premessa 8 (adattata)

~~Id-data miġbura għall-finijiet ta' evalwazzjoni xjentifika għandha tinkludi informazzjoni dwar flotot u l-attivitajiet tagħhom, data bijoloġika li tkopri l-qabdiet, inklużi dawk li jintremew lura, informazzjoni minn stħarriġ dwar ħażniet tal-ħut u l-impatt ambjentali li jista' jkun ikkawżat minn sajd fuq l-ekosistema tal-baħar. Għandha tinkludi wkoll data li tispjega l-formazzjoni tal-prezz u data oħra li tista' tiffaċilita valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika ta' l-intrapriżi tas-sajd, akkwalkultura u l-industrija ta' l-ipproċessar, kif ukoll tax-xejriet ta' l-impjiegi f'dawn is-setturi.~~

🡻 199/2008 premessa 9 (adattata)

~~Sabiex jitħarsu u jkunu kkonservati r-riżorsi akkwatiċi ħajjin u l-isfruttar sostenibbli tagħhom, l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd għandu jiġi implimentat progressivament. Fid-dawl ta' dan, għandha tinġabar data sabiex tiġi vvalutati l-effetti tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar.~~

🡻 199/2008 premessa 10 (adattata)

~~Il-programmi Komunitarji għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data dwar is-sajd għandhom jiġu implimentati taħt ir-responsabbiltà diretta ta' l-Istati Membri. Għalhekk l-Istati Membri għandhom ifasslu programmi nazzjonali skont il-programm Komunitarju.~~

⇩ ġdid

(7) Il-ħżin, l-ipproċessar u l-iskambju tad-dejta għandhom jiżguraw, f'kull ħin u f'kull livell, li l-obbligi dwar il-protezzjoni tad-dejta personali stipulati fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[59] u fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60] jiġu rispettati.

(8) Għal raġunijiet ta' ċarezza legali, dan ir-Regolament għandu jipprevedi sett ta' definizzjonijiet.

(9) Id-definizzjoni ta' "sajd rikreattiv" għandha tinkludi t-tipi kollha ta' sajd mhux kummerċjali, irrispettivament mill-għanijiet speċifiċi tagħhom, sabiex jiġu koperti l-forom kollha ta' sajd li jistgħu jaffettwaw l-istokkijiet ta' ħut.

(10) Id-definizzjoni ta' "utenti finali" għandha tiġi allinjata mad-definizzjoni ta' 'utenti finali ta' dejta xjentifika' li tidher fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, u għandha tkopri wkoll korpi xjentifiċi li għandhom interess fl-aspetti ambjentali tal-ġestjoni tas-sajd.

(11) Id-definizzjoni ta' "reġjuni tal-baħar" għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet xjentifiċi.

---

[59] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

[60] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001).

(12) Dan ir-Regolament għandu jippermetti li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jilħqu l-objettivi u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Għal dak l-għan, jeħtieġ li jkun hemm programm pluriennali tal-Unjoni biex l-isforzi kollha ta' ġbir ta' dejta tal-Istati Membri jkunu jistgħu jiġu koordinati. Huwa xieraq li jiġu stipulati rekwiżiti u kriterji ewlenin għall-istabbiliment ta' dan il-programm pluriennali tal-Unjoni, kif ukoll għall-konsultazzjonijiet li għandhom isiru qabel l-adozzjoni tiegħu.

(13) Il-ħtiġijiet ta' dejta tal-utenti finali għandhom jiġu identifikati, u għandu jiġi speċifikat liema dejta għandha tinġabar skont dan ir-Regolament. Dik id-dejta għandha tinkludi dejta dwar l-ekosistemi dwar l-impatt tas-sajd, kif ukoll dejta dwar is-sostenibbiltà tal-akkwakultura. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jeħtieġ ukoll li jiġi żgurat li d-dejta miġbura skont dan ir-Regolament ma tinġabarx ukoll skont leġiżlazzjoni oħra tal-UE.

(14) Il-ħtiġijiet ta' dejta għall-politiki dwar is-sajd li mhumiex regolati b'mod dirett mir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, bħal pereżempju dawk relatati mar-Regolament (KE) Nru 1100/2007 u r-Regolament (KE) Nru 2347/2002, għandhom ukoll ikunu koperti minn dan ir-Regolament.

(15) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-programm pluriennali tal-Unjoni f'livell nazzjonali billi jistabbilixxu l-attivitajiet ewlenin tagħhom ta' ġbir ta' dejta fil-forma ta' sezzjoni tal-Programm Operazzjonali msemmi fil-punt (p) tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, issupplimentat bi pjan ta' ħidma b'konformità mal-Artikolu 21 ta' dak ir-Regolament. Ir-rekwiżiti dwar il-kontenut ta' dawn il-pjanijiet ta' ħidma għandhom jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(16) Huwa xieraq li jiġu deskritti l-passi li l-Istati Membri għandhom isegwu, kif ukoll l-aspetti li dawn għandhom iqisu, meta jkunu qed jiġu stabbiliti l-metodoloġiji għall-ġbir ta' dejta fil-pjanijiet tagħhom ta' ħidma. Bil-ħsieb li tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u omoġenja ta' dan ir-Regolament mill-Istati Membri, huwa wkoll meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ewlenin fir-rigward ta' arranġamenti ta' koordinazzjoni nazzjonali, id-drittijiet tal-kolletturi tad-dejta u l-obbligi tal-kaptani tal-bastimenti tas-sajd.

(17) Il-Kummissjoni għandha tapprova l-programmi u l-pjanijiet ta' ħidma tal-Istati Membri, kif ukoll l-emendi li jsirulhom b'konformità mal-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014. Skont l-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw regoli dwar il-proċeduri, il-format u l-iskedi ta' żmien għall-adozzjoni tagħhom.

(18) Huwa xieraq li l-pjanijiet ta' ħidma jiġu vvalutati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, sabiex jiġi żgurat li dawk il-pjanijiet ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(19) Għall-iskop ta' verifika tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' ġbir ta' dejta mill-Istati Membri, jeħtieġ li r-rappurtar mill-Istati Membri lill-Kummissjoni jsir f'format speċifiku.

↓ 199/2008 premessa 11 (adattata)

(20) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw bejniethom, kif ukoll ma’ pajjiżi terzi, u jikkoordinaw ~~il-programmi nazzjonali~~ ⌦ il-pjanijiet ta' ħidma ⌫ tagħhom fir-rigward tal-ġbir ta’ d~~a~~ejta dwar l-istess reġjun tal-baħar u reġjuni li jkopri ilmijiet interni rilevanti.

---

↓ 199/2008 premessa 12 (adattata)

~~Il-prijoritajiet għandhom jiġu stabbiliti fil-livell Komunitarju, kif għandhom ikunu wkoll il-proċeduri għall-ġbir ta’ data u l-ipproċessar fil-Komunità, sabiex jiġi żgurat li s-sistema kollha hija konsistenti u sabiex tiġi ottimizzata l-effettività ta’ l-ispiża permezz tal-ħolqien ta’ qafas pluriennali reġjonali stabbli.~~

---

⇩ ġdid

(21) Fid-dawl tal-għan tal-Politika Komuni tas-Sajd li tingħata aktar responsabbiltà lill-Istati Membri u li l-utenti finali tad-dejta jiġu involuti b'mod aqwa fil-ġbir ta' dejta, il-koordinazzjoni reġjonali għandha tiġi estiża minn laqgħa waħda għal proċess kontinwu kkoordinat minn Gruppi ta’ Koordinazzjoni Reġjonali għal kull reġjun tal-baħar.

(22) L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-mod kif jiġbru d-dejta, iżda sabiex ikunu jistgħu jgħaqqdu d-dejta flimkien f'livell reġjonali, l-Istati Membri għandhom jilħqu ftehim, f'livell reġjonali, dwar ir-rekwiżiti minimi għall-kwalità, il-kopertura u l-kompatibbiltà tad-dejta. Meta jintlaħaq ftehim ġenerali dwar il-metodi f'livell reġjonali, il-Gruppi ta’ Koordinazzjoni Reġjonali għandhom jissottomettu pjan ta’ ħidma reġjonali għall-adozzjoni mill-Kummissjoni.

(23) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma għandhiex tkompli tiddetermina d-dettalji tal-metodoloġiji li għandhom jiġu applikati għall-ġbir tad-dejta. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet dwar metodi partikolari ta’ ġbir ta’ dejta għandhom jiġu sostitwiti mid-deskrizzjoni tal-proċess li permezz tiegħu se jiġu ddeterminati. Dak il-proċess għandu essenzjalment jinkludi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-utenti tad-dejta fi gruppi ta’ koordinazzjoni reġjonali, u l-validazzjoni mill-Kummissjoni permezz ta’ pjanijiet ta’ ħidma ppreżentati mill-Istati Membri.

---

↓ 199/2008 premessa 13 (adattata)

(24) Id-d~~a~~ejta msemmija f’dan ir-Regolament għandha tiddaħħal f’bażijiet tad-d~~a~~ejta kompjuterizzati nazzjonali sabiex tkun aċċessibbli għall-Kummissjoni u tista’ tiġi ~~trasmessa~~ ⌦ magħmula disponibbli għall-utenti ⌫ ~~lill-utenti finali~~ ⌦ tad-dejta ⌫. Huwa fl-interess ⌦ tal-utenti kollha tad-dejta ⌫ ~~tal-komunità xjentifika~~ li d-d~~a~~ejta li ma tippermettix identifikazzjoni personali ⌦ għandha tkun ⌫ disponibbli ⌦ mingħajr restrizzjonijiet għal ⌫ ~~lil~~ kwalunkwe parti interessata fl-analiżi ta’ tali d~~a~~ejta.

↓ 199/2008 premessa 14 (adattata)

(25) ~~Il-ġestjoni~~ ⌦ L-għoti ta' parir xjentifiku lill-maniġment ⌫ tar-riżorsi tas-sajd ~~teħtieġ~~ ⌦ jeħtieġ ⌫ l-ipproċessar ta' d~~a~~ejta dettaljata sabiex jiġu indirizzati ⌦ l-ħtiġijiet tal-maniġers tal-industrija tas-sajd ⌫ ~~kwistjonijiet speċifiċi~~. F'dak il-kuntest, l-Istati Membri għandhom ~~jittrasmettu~~ ⌦ jagħmlu disponibbli ⌫ d~~a~~ejta meħtieġa għal analiżi xjentifika u għandhom jiżguraw li għandhom il-kapaċità teknika biex jagħmlu dan. ~~Jekk meħtieġ, id-data dettaljata jista' jkolla tiġi aggregata qabel it-trasmissjoni tagħha għal-livell ta' aggregazzjoni stipulat fit-talba kif definit mill-utenti finali.~~

⇩ ġdid

(26) Skont l-Artikolu 25(2)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jeħtieġ li d-disponibbiltà f'waqtha tad-dejta rilevanti u tal-metodoloġiji rispettivi tiġi żgurata għall-korpi b'interess ta' riċerka jew ta' ġestjoni fl-analiżi xjentifika ta' dejta fis-settur tas-sajd, kif ukoll għal kwalunkwe partijiet interessati, ħlief f'ċirkostanzi fejn il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità jkunu meħtieġa skont il-liġijiet applikabbli tal-UE.

(27) Biex jingħata effett sħiħ lill-Artikolu 25(2)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċessi u teknoloġiji elettroniċi xierqa sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà tad-dejta u sabiex dawn jikkooperaw ma' Stati Membri oħra, mal-Kummissjoni u mal-utenti finali sabiex jiġu żviluppati sistemi u formati kompatibbli ta' skambju u ħżin ta' dejta, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61]. Għandu jiġi żgurat ukoll tixrid ulterjuri ta' informazzjoni, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew. F'kull każ, għandhom jiġu stabbiliti salvagwardji xierqa, bħal livell ogħla ta' aggregazzjoni jew anonimizzazzjoni tad-dejta f'każ li d-dejta tinkludi informazzjoni relatata ma' persuni fiżiċi identifikati jew identifikabbli, filwaqt li jitqiesu l-għanijiet tal-ipproċessar, in-natura tad-dejta u r-riskji potenzjali relatati mal-ipproċessar ta' dejta personali.

(28) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-utenti finali jiġu pprovduti b'dejta fi żmien skadenzi relattivament qosra, minħabba li jeħtieġ li jipprovdu konsulenza f'waqtha biex jippermettu li jkun hemm sajd sostenibbli. Partijiet interessati oħrajn ukoll għandhom jingħataw garanzija li jirċievu d-dejta sa ċertu perjodu ta' żmien.

↓ 199/2008 premessa 16 (adattata)

~~Il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament hija rregolata bid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data[62] u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi~~

[61] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

[62] ~~ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.~~

~~fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data[63].~~

---

🡻 199/2008 premessa 17 (adattata)

~~L-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data dwar is-sajd teħtieġ nefqa sinifikanti. Il-benefiċċju ta' programmi bħal dawn jista' jiġi realizzat kompletament biss fil-livell Komunitarju. Għalhekk għandu jkun hemm dispożizzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-ispejjeż li jġarrbu l-Istati Membri, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat- 22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar[64].~~

---

🡻 199/2008 premessa 18 (adattata)

~~Fil-każ li l-Kummissjoni tara li n-nefqa kkonċernata hija relatata ma' irregolaritajiet, jeħtieġ ikun hemm disposizzjonijiet dwar korrezzjonijiet finanzjarji skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006.~~

---

🡻 199/2008 premessa 19 (adattata)

~~L-eżekuzzjoni korretta tal-Programmi Nazzjonali, u partikolarment ir-rispett ta' skadenzi, il-kontroll ta' kwalità u l-validazzjoni tad-data miġbura, hija ta' importanza għolja. Għal din ir-raġuni il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għandha tkun kondizzjonali mar-rispett ta' l-iskadenzi relevanti, il-kontroll ta' kwalità u konformità ma' l-istandards ta' kwalità maqbula u l-provvista tad-data. Konsegwentement, għandha tiġi introdotta sistema ta' sanzjoni finanzjarja relatata man-non konformità ma' dawn il-kondizzjonijiet.~~

---

🡻 199/2008 premessa 20 (adattata)

(29) Sabiex tittejjeb l-affidabbiltà tal-parir xjentifiku meħtieġ għall-Politika Komuni dwar is-Sajd ~~(minn issa 'l quddiem "il-PKS")~~, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoordinaw u jikkooperaw fi ħdan il-korpi xjentifiċi internazzjonali rilevanti.

---

🡻 199/2008 premessa 21 (adattata)

~~Għandha tingħata prijorità lill-iżgurar ta' l-attendenza ta' l-esperti xjentifiċi rilevanti fil-gruppi ta' esperti li jwettqu l-evalwazzjoni xjentifika meħtieġa għall-PKS.~~

---

🡻 199/2008 premessa 22 (adattata)

(30) Il-komunità xjentifika għandha tiġi kkonsultata u l-industrija tas-sajd u gruppi interessati oħra għandhom jiġu infurmati dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-ġbir tad-d~~ae~~jta. Il-korpi adatti li fihom jinġabru l-opinjonijiet meħtieġa huma l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), ~~stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/629/KE[65]~~, il-Kumitat Konsultattiv dwar

---

[63] ~~ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.~~
[64] ~~ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1.~~
[65] ~~ĠU L 225, 31.8.2005, p. 18.~~

is-Sajd u l-Akkwakultura, stabbilit mid- Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/478/KE[66], u l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali stabbiliti skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013mid- Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE[67].

⇩ ġdid

(31) Sabiex jiġu supplimentati u emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti b'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-programm pluriennali tal-Unjoni u s-salvagwardji relatati mal-protezzjoni tad-dejta personali. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(32) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament rigward l-approvazzjoni jew ir-rifjut tal-abbozz ta' rakkomandazzjoni konġunta minn gruppi ta' Koordinazzjoni Reġjonali, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.

(33) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament rigward il-koordinazzjoni reġjonali, l-evalwazzjoni tar-riżultati ta' pjanijiet ta' ħidma, l-aċċess għal siti ta' kampjunar u l-interoperabbiltà tas-sistemi tad-dejta, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[68].

(34) B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq, sabiex jintlaħaq l-għan bażiku tat-titjib tal-kwalità tad-dejta, tal-aċċess u tad-disponibbiltà fis-settur tas-sajd, li jiġi stabbilit qafas għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet fil-mira, b'konformità mal-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

🡻 199/2008 premessa 23 (adattata)

Il-kumitat ta' ġestjoni għandu jiżgura kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament. Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat- 28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni[69].

---

66 ĠU L 187, 20.7.1999, p. 70. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2004/864/KE (ĠU L 370, 17.12.2004, p. 91).

67 ĠU L 256, 3.8.2004, p. 17. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2007/409/KE (ĠU L 155, 15.6.2007, p. 68).

68 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

69 ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

🡻 199/2008 premessa 24 (adattata)

~~Abbażi ta' l-esperjenza mill-passat u ħtiġiet ġodda huwa adatt li r-Regolament (KE) Nru 1543/2000 jiġi rrevokat u jiġi sostitwit b'dan ir-Regolament.~~

🡻 199/2008

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU 1

# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

🡻 199/2008 (adattat)

*Artikolu 1*

**Suġġett ⌦ u kamp ta' applikazzjoni ⌫**

🡻 199/2008

~~1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar:~~

~~(a) il-ġbir u l-ġestjoni, fil-qafas ta' programmi pluriennali, ta' data bijoloġika, teknika, ambjentali, ekonomika u soċjo-ekonomika dwar is-settur tas-sajd;~~

~~(b) l-użu ta' data dwar is-settur tas-sajd fil-qafas tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (minn issa 'l quddiem "il-PKS"), għall-fini ta' analiżi xjentifika.~~

~~2. Dan ir-Regolament jistipula wkoll dispożizzjonijiet għat-titjib tal-parir xjentifiku meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-PKS.~~

⇩ ġdid

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli rigward il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta bijoloġika, ambjentali, ekonomika u soċjali dwar is-settur tas-sajd fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd.

2. Rigward id-dejta li għandha tinġabar skont atti legali għajr dan, dan ir-Regolament jiddefinixxi biss regoli għall-użu ta' din id-dejta.

3. Għal dejta miġbura skont dan ir-Regolament fil-qafas tal-Programmi Pluriennali u għal dejta meħtieġa biex tiġi supplimentata d-dejta msemmija fil-paragrafu 2, dan ir-Regolament jiddefinixxi r-regoli dwar il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu.

↓ 199/2008 (adattat)

43. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi skont id-Direttiva 2003/4/KE u l-obbligi skont id-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 [70] u r-Regolament (KE) Nru 1367/2006[71].

⇩ ġdid

*Artikolu 2*

**Dejta personali**

L-ipproċessar, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta miġbura skont dan ir-Regolament li jkun fiha dejta personali għandha tkun konformi mad-Direttiva 95/46/KE u mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

↓ 199/2008 (adattat)

*Artikolu 23*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "settur tas-sajd" tfisser attivitajiet marbuta ma' sajd kummerċjali, sajd rikreattiv, l-akkwakultura u l-industriji li jipproċessaw il-prodotti tas-sajd;

(b) "akkwakultura" tfisser it-trobbija jew il-kultivazzjoni ta' organiżmi akkwatiċi bl-użu ta' tekniki mfassla biex iżidu l-produzzjoni ta' l-organiżmi in kwistjoni lil hinn mill-kapaċità naturali ta' l-tal-ambjent; l-organiżmi akkwatiċi jibqgħu l-proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika matul l-istadju kollu tat-trobbija jew tal-kultivazzjoni, sal-qbid u inkluż waqt il-qbid;

(ċ) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet ta' sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw riżorsi akkwatiċi ħajjin għal rikreazzjoni jew sport;

(d) "reġjuni tal-baħar" tfisser iż-żonia ġeografiċika stabbilitia fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE u ż-żoni ⌦ fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, żona ⌫ stabbilitia mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ⌦ jew żona definita fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(6) ⌫ ;

---

70 Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

71 Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13).

(e)"daejta primarja" tfisser daejta assoċjata ma' bastimenti individwali, persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew kampjuni individwali;

(f) "metadejtadata" tfisser daejta li tagħti informazzjoni kwalitattiva u kwantittativa dwar id-daejta primarja miġbura.

(g) "daejta dettaljata" tfisser daejta bbażata fuq daejta primarja f'forma li ma tippermettix li jiġu identifikati persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi b'mod dirett jew indirett;

(h )"daejta aggregata" tfisser ir-riżultat tas-sintesi tad-daejta primarja jew dik dettaljata għal finijiet analitiċi speċifiċi;

(i) "utenti finali" tfisser korpi b'interess ta' riċerka jew ta' ġestjoni fl-analiżi xjentifika ta' daejta fis-settur tas-sajd;

(j)"kampjunar ibbażat fuq sajd minn flotot" tfisser stħarriġ u ġbir ta' data bijoloġika, teknika u soċjo ekonomika abbażi ta' tipi maqbula tas-sajd u flotot reġjonali;

(k)(j) "Bastiment tas-sajd Komunitarju" tfisser bastiment kif definit fl-Artikolu 3(d) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002. "Bastiment tas-sajd Komunitarju ⌦ tal-Unjoni ⌫ " tfisser bastiment tas-sajd kif definit fil-punt 5 tal- fl-Artikolu 3(d) 4(1) tar-Regolament (KEUE) Nru 2371/20021380/2013.

## KAPITOLU II

## ĠESTJONI TAL-ĠBIR ⌦ U ĠESTJONI ⌫ UŻU TA' DAEJTA FIL-QAFAS TA' PROGRAMMI PLURIENNALI

### SEZZJONI 1

### PROGRAMM KOMUNITARJU U PROGRAMMI NAZZJONALI ⌦ PLURIENNALI TAL-UNJONI ⌫

---

| ⬇ 199/2008 |
|---|

*Artikolu 3*

**Programm Komunitarju**

1. Programm Komunitarju pluriennali għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data bijoloġika, teknika, ambjentali, u soċjo ekonomika dwar:

— sajd kummerċjali minn bastimenti tas-sajd Komunitarji:

— (i) fl-ilmijiet Komunitarji, inklużi sajd kummerċjali għas-sallura u s-salamun fl-ilmijiet interni;

~~(ii) barra mill-ilmijiet Komunitarji;~~

~~(b) sajd rikreattiv li jsir fl-ilmijiet Komunitarji, inklużi sajd kummerċjali għas-sallura u s-salamun fl-ilmijiet interni;~~

~~(ċ) attivitajiet ta' akkwakultura relatati ma' l-ispeċi tal-baħar, inklużi s-sallura u s-salamun, imwettqa fl-Istati Membri u l-ilmijiet Komunitarji;~~

~~(d) industriji li jipproċessaw il-prodotti tas-sajd;~~

~~għandhom jiġu definiti skont proċedura stabbilita fl-Artikolu 27(2).~~

~~2. Il-programm Komunitarju għandu jitħejja għal perijodi ta' tliet snin. L-ewwel perijodu għandu jinkludi s-snin 2009 u 2010.~~

~~*Artikolu 4*~~

~~**Programmi Nazzjonali**~~

~~1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi attwali dwar il-ġbir tad-data skont id-dritt Komunitarju, l-Istati Membri għandhom jiġbru data primarja bijoloġika, ambjentali u soċjo-ekonomika fi ħdan il-qafas ta' programm nazzjonali pluriennali (minn issa 'l quddiem "il-programm nazzjonali") imfassal skont il-programm Komunitarju.~~

~~2. Il-programm nazzjonali għandu jinkludi, b'mod partikolari, il-kwistjonijiet li ġejjin kif previst fit-Taqsima 2:~~

~~(a) programmi pluriennali għall-ikkampjunar;~~

~~(b) skema ta' monitoraġġ fuq il-baħar ta' sajd kummerċjali u rikreattiv, fejn meħtieġ;~~

~~(ċ) skema għal stħarriġ fuq il-baħar;~~

~~(d) skema għall-ġestjoni u l-użu tad-data għal finijiet ta' analiżi xjentifika.~~

~~3. Il-proċeduri u l-metodi li għandhom jintużaw fil-ġbir u l-analiżi ta' data u l-estimi ta' l-eżattezza u l-preċiżjoni tagħha għandhom jiġu inklużi fil-programmi nazzjonali.~~

~~4. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-programmi nazzjonali tagħhom għall-approvazzjoni lill-Kummissjoni. Huma għandhom jippreżentawhom permezz ta' mezzi elettroniċi sad-data, fil-format u fl-indirizz li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27(2).~~

~~5. L-ewwel programmi nazzjonali għandhom jinkludu l-attivitajiet għas-snin 2009 u 2010.~~

~~*Artikolu 5*~~

~~**Koordinazzjoni u kooperazzjoni**~~

~~1. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-programmi nazzjonali tagħhom ma' Stati Membri oħra fl-istess reġjun tal-baħar u jagħmlu kull sforz sabiex jikkoordinaw l-azzjonijiet~~

~~tagħhom ma’ pajjiżi terzi li jkollhom sovranità jew ġurisdizzjoni fuq l-ilmijiet fl-istess reġjun tal-baħar. Għal dan l-għan il-Kummissjoni tista’ torganizza Laqgħat ta’ Koordinazzjoni Reġjonali sabiex tassisti lill-Istati Membri fil-koordinazzjoni tal-programmi nazzjonali tagħhom u l-implimentazzjoni tal-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data fl-istess reġjun.~~

~~2. Sabiex jitqies kwalunkwe ftehim li jkun sar fil-livell reġjonali fil-Laqgħat ta’ Koordinazzjoni Reġjonali, l-Istati Membri jistgħu fejn adatt jippreżentaw emendi lill-programmi nazzjonali tagħhom matul il-perijodu ta’ programmazzjoni. Dawk l-emendi għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni mill-inqas xahrejn qabel is-sena ta’ l-implimentazzjoni.~~

~~3. Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(2).~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 4*

**L-istabbiliment ta’ programmi pluriennali tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, b’konformità mal-Artikolu 23, atti delegati li jistabbilixxu programmi pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni ta’ dejta bijoloġika, teknika, ambjentali, soċjali u ekonomika dwar is-settur tas-sajd.

2. Għandhom jiġu stabbiliti programmi pluriennali tal-Unjoni wara li ssir konsultazzjoni mal-Gruppi ta’ Koordinazzjoni Reġjonali msemmija fl-Artikolu 8, mal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u ma' kwalunkwe korp konsultattiv xjentifiku ieħor.

3. Waqt li tkun qed tistabbilixxi programm pluriennali tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tqis:

(a) il-ħtiġijiet ta' informazzjoni għall-ġestjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd;

(b) il-ħtieġa u r-rilevanza tad-dejta għal deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistema, inklużi l-ispeċijiet u l-ħabitats vulnerabbli,

(c) il-ħtieġa li jiġu appoġġjati valutazzjonijiet tal-impatt ta’ miżuri ta’ politika,

(d) l-ispejjeż u l-benefiċċji,

(e) serje kronoloġiċi eżistenti,

(f) il-ħtieġa li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-ġbir ta' dejta,

(g) speċifiċitajiet reġjonali,

(h) l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

*Artikolu 5*

***Il-kontenut tal-programm pluriennali tal-Unjoni***

1. Il-programmi pluriennali tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu:

(a) ir-rekwiżiti tad-dejta biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) lista ta' stħarriġiet obbligatorji ta' riċerka;

(c) livelli limitu li taħtu l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jiġbru dejta jew iwettqu stħarriġiet ta' riċerka, fuq il-bażi tal-attivitajiet tagħhom tas-sajd.

2. Id-dejta msemmija fil-paragrafu 1(a) għandha tinkludi:

(a) dejta bijoloġika dwar l-istokkijiet kollha maqbuda jew maqbuda b'mod inċidentali bħala riżultat ta' attivitajiet ta' sajd kummerċjali tal-Unjoni u, fejn xieraq, ta' attivitajiet ta' sajd rikreattiv fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'ilmijiet esterni sabiex ikunu jistgħu jitwettqu ġestjoni u konservazzjoni bbażati fuq l-ekosistema, skont kif meħtieġ għall-funzjonament tal-Politika Komuni tas-Sajd;

(b) dejta dwar l-ekosistemi biex jiġi vvalutat l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'ilmijiet esterni, inkluża dejta dwar il-qabdiet inċidentali ta' speċijiet mhux fil-mira, b'mod partikolari speċijiet protetti skont il-liġijiet internazzjonali jew tal-Unjoni, dejta dwar l-impatti tas-sajd fuq il-ħabitats tal-baħar u dejta dwar l-impatti tas-sajd fuq il-katini alimentari;

(c) dejta dwar l-attività tal-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'ilmijiet esterni, inklużi l-livelli tas-sajd u l-isforzi u l-kapaċità tal-flotta tal-Unjoni;

(d) dejta soċjoekonomika dwar is-sajd biex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-prestazzjoni soċjoekonomika tas-settur tas-sajd tal-Unjoni;

(e) dejta soċjoekonomika u dejta dwar is-sostenibbiltà rigward l-akkwakultura sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-prestazzjoni soċjoekonomika u tas-sostenibbiltà tas-settur tal-akkwakultura tal-Unjoni, inkluż l-impatt ambjentali tiegħu;

(f) dejta soċjoekonomika dwar is-settur tal-ipproċessar tal-ħut sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-prestazzjoni soċjoekonomika ta' dak is-settur.

3. Id-dejta msemmija fil-paragrafu 1(a) għandha tinġabar skont dan ir-Regolament biss jekk ma tinġabarx fi ħdan oqfsa legali oħrajn tal-Unjoni.

4. Waqt li tkun qed tiġi mfassla l-lista ta' stħarriġiet obbligatorji ta' riċerka msemmija fil-paragrafu 1(b), għandhom jiġu meqjusa l-ħtiġijiet li ġejjin:

(a) il-ħtiġijiet ta' informazzjoni għall-ġestjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd;

(b) il-ħtiġijiet ta' informazzjoni li jirriżultaw minn koordinazzjoni u armonizzazzjoni miftiehma f'livell internazzjonali;

(c) il-ħtiġijiet ta' informazzjoni għall-evalwazzjoni ta' pjanijiet ta' ġestjoni, inkluż il-monitoraġġ ta' fatturi varjabbli relatati mal-ekosistemi;

(d) il-ħtiġijiet ta' informazzjoni għal kopertura suffiċjenti ta' żoni tal-istokkijiet;

(e) l-evitar tad-duplikazzjoni bejn l-istħarriġiet; u

(f) l-evitar tat-tfixkil fl-istorja tad-dejta tal-istħarriġiet.

5. Ir-regoli dwar il-parteċipazzjoni minn Stati Membri differenti fl-istħarriġiet ta' riċerka msemmija fil-paragrafu 1(b) għandhom ikunu bbażati fuq is-sehem relattiv tagħhom fl-isfruttament tal-istokkijiet.

## TAQSIMA 2
## IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM PLURIENNALI TAL-UNJONI MILL-ISTATI MEMBRI

*Artikolu 6*

**Pjanijiet ta' ħidma nazzjonali**

1. Mingħajr ħsara għall-obbligi attwali dwar il-ġbir ta' dejta skont id-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiġbru dejta fi ħdan il-qafas ta' programm operazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, u pjan ta' ħidma mfassal skont il-programm pluriennali tal-Unjoni u skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

2. Il-pjanijiet ta' ħidma tal-Istati Membri għandhom jinkludu deskrizzjoni dettaljata ta' dan li ġej:

(a) kull kemm tkun se tinġabar id-dejta;

(b) is-sors tad-dejta, il-proċeduri u l-metodi għall-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta fis-settijiet ta' dejta li jkunu se jiġu pprovduti lill-utenti finali;

(c) il-qafas ta' garanzija tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità sabiex tiġi żgurata kwalità xierqa tad-dejta b'konformità mal-Artikolu 13;

(d) kif u meta tkun meħtieġa d-dejta;

(e) l-arranġamenti internazzjonali u reġjonali ta' kooperazzjoni, inklużi ftehimiet bilaterali u multilaterali konklużi biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament; u

(f) kif ġew meqjusa l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

3. Waqt it-tħejjija tal-pjan ta' ħidma tiegħu, kull Stat Membru għandu jikkoordina l-isforzi tiegħu ma' Stati Membri oħra, b'mod partikolari fl-istess reġjun tal-baħar, sabiex jiġi żgurat li jkun hemm kopertura suffiċjenti u effiċjenti u li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-attivitajiet ta' ġbir ta' dejta.

4. Kull Stat Membru għandu jiżgura l-konformità tal-pjan ta' ħidma tiegħu mar-rakkomandazzjonijiet konġunti applikabbli tal-Gruppi ta' Koordinazzjoni Reġjonali fejn rakkomandazzjonijiet ta' dan it-tip ikunu ġew approvati mill-Kummissjoni fil-forma ta' pjan ta' ħidma reġjonali b'konformità mal-Artikolu 8.

*Artikolu 7*

**Korrispondenti nazzjonali**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar korrispondent nazzjonali u għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bih. Il-korrispondent nazzjonali għandu jkun il-kuntatt ewlieni għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri rigward it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma.

2. Barra minn hekk, il-korrispondent nazzjonali għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) jikkoordina t-tħejjija tar-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 10;

(b) jiżgura li ssir it-trażmissjoni tal-informazzjoni fi ħdan l-Istat Membru; u

(c) jiżgura l-attendenza ta' esperti rilevanti f'laqgħat organizzati mill-Kummissjoni, u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-Gruppi ta' Koordinazzjoni Reġjonali rilevanti msemmija fl-Artikolu 8.

3. Jekk diversi korpi fi Stat Membru jkunu qed jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma, il-korrispondent nazzjonali għandu jkun responsabbli għall-koordinazzjoni ta' dik il-ħidma.

*Artikolu 8*

**Koordinazzjoni u kooperazzjoni**

1. B'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom ma' Stati Membri oħra, filwaqt li għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi li għandhom sovranità jew ġuriżdizzjoni fuq l-ilmijiet fl-istess reġjun tal-baħar. Għal dan l-għan, il-Grupp ta' Koordinazzjoni Reġjonali għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri rilevanti f'kull Reġjun tal-Baħar.

2. Il-Gruppi ta' Koordinazzjoni Reġjonali għandhom ikunu magħmula minn esperti mill-Istati Membri, minn esperti mill-Kummissjoni, u minn utenti finali rilevanti tad-dejta.

3. Il-Gruppi ta' Koordinazzjoni Reġjonali għandhom ifasslu u jaqblu dwar regoli ta' proċeduri għall-attivitajiet tagħhom.

4. F'każijiet fejn ikun hemm kwistjonijiet li jaffettwaw bosta reġjuni, il-Gruppi ta' Koordinazzjoni Reġjonali għandhom jikkoordinaw bejniethom u mal-Kummissjoni.

5. Il-Gruppi ta' Koordinazzjoni Reġjonali jistgħu jħejju rakkomandazzjonijiet konġunti fil-forma ta' abbozz ta' pjan ta' ħidma reġjonali dwar il-proċeduri, il-metodi, il-garanzija tal-kwalità u l-kontroll tal-kwalità għall-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta kif imsemmi fil-paragrafu 2(a) u (b) u fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 5, u jistgħu jħejju wkoll strateġiji ta' kampjunar ikkoordinati f'livell reġjonali. Waqt li jkunu qed jagħmlu dan, il-Gruppi ta' Koordinazzjoni Reġjonali għandhom iqisu l-parir tal-STECF, meta jkun xieraq. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni, li għandha tivverifika jekk l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti humiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u mal-programm pluriennali tal-Unjoni, u jekk iva, għandha wkoll tapprova l-pjan ta' ħidma reġjonali permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

6. Meta l-pjanijiet ta' ħidma reġjonali jiġu approvati mill-Kummissjoni, dawn għandhom jissostitwixxu l-partijiet rilevanti tal-pjanijiet ta' ħidma mfassla minn kull Stat Membru. L-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjanijiet ta' ħidma tagħhom skont dan.

7. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw regoli dwar il-proċeduri, il-format u l-iskedi ta' żmien għas-sottomissjoni u l-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' ħidma reġjonali, kif imsemmi fil-paragrafu 5.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24(2).

---

↓ 199/2008 (adattat)

*Artikolu ~~6~~9*

**Evalwazzjoni u approvazzjoni tal-~~'~~ ~~programmi nazzjonali~~ ⌦ pjanijiet ta' ħidma ⌫**

1. ~~Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (~~L-STECF~~)~~ għandu jevalwa:

(a) il-konformità ~~tal-programmi nazzjonali~~ ⌦ tal-pjanijiet ta' ħidma ⌫ u kwalunkwe emenda fihom mal-Artikoli 46 u ~~5~~8, u

(b) ir-rilevanza xjentifika tad-d~~a~~ejta ~~li għandha tiġi~~ koperta minn ~~programmi nazzjonali~~ ⌦ pjanijiet ta' ħidma ⌫ għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(1) u l-kwalità tal-metodi u l-proċeduri proposti.

2. Jekk l-evalwazzjoni mill-iSTECF~~, imsemmija fil-paragrafu 1,~~ tindika li ~~programm nazzjonali~~ ⌦ pjan ta' ħidma ⌫ ma jikkonformax mal-Artikoli 46 u ~~5~~8 jew ma tiggarantixxix ir-rilevanza xjentifika tad-d~~a~~ejta jew il-kwalità suffiċjenti tal-metodi u l-proċeduri proposti, il-Kummissjoni għandha tinforma immedjatament lill-Istat Membru kkonċernat u tipproponi emendi għal dak ~~il-programm~~ ⌦ il-pjan ta' ħidma ⌫. Sussegwent~~a~~ement, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta ~~programm nazzjonali~~ ⌦ pjan ta' ħidma ⌫ rivedut lill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tapprova ~~l-programmi nazzjonali~~ ⌦ l-pjanijiet ta' ħidma ⌫ u l-emendi magħmula fihom skont l-Artikolu 8~~5~~(2) abbażi tal-evalwazzjoni mill-iSTECF ~~u l-evalwazzjoni tal-ispejjeż imwettqa mis-servizzi tagħha~~.

*Artikolu ~~7~~10*

**Evalwazzjoni u approvazzjoni tar-riżultati ~~tal-programmi nazzjonali~~ ⌦ tal-pjanijiet ta' ħidma ⌫**

1. L-Istati Membri għandhom fuq bażi annwali jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport dwar it-twettiq ~~tal-programmi nazzjonali~~ ⌦ tal-pjanijiet ta' ħidma ⌫ tagħhom. ~~Huma għandhom jippreżentawhom permezz ta' mezzi elettroniċi sad-data,~~ ⌦ Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw regoli dwar il-proċeduri, ⌫ ~~f~~il-format u ~~fl-indirizz~~ ⌦ l-iskedi ta' żmien għas-sottomissjoni u l-approvazzjoni tar-rapporti annwali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati ⌫ ~~li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni~~ skont il-proċedura ⌦ ta' eżami ⌫ stabbilita fl-Artikolu ~~27~~24(2).

2. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) għandu jevalwa:

(a) ~~L~~l-eżekuzzjoni ~~tal-programmi nazzjonali~~ ⌦ tal-pjanijiet ta' ħidma ⌫ approvati mill-Kummissjoni ~~skont l-Artikolu 6(3)~~, u

(b) il-kwalità tad-d~~ac~~ejta miġbura mill-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-implimentazzjoni ~~tal-programmi nazzjonali~~ ⌦ tal-pjanijiet ta' ħidma ⌫ abbażi ta':

(a) l-evalwazzjoni mill-STECF;

(b) il-konsultazzjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd adatti li għalihom il-Komunità hija parti kontraenti jew osservatur u lil korpi xjentifiċi internazzjonali rilevanti~~;~~. ~~u~~

~~(ċ) l-evalwazzjoni ta' spejjeż imwettqa mis-servizzi tagħha.~~

---

🡻 199/2008

~~*Article 8*~~

~~**Assistenza finanzjarja Komunitarja**~~

~~1. L-assistenza finanzjarja Komunitarja għall-programmi nazzjonali għandha tiġi implimentata skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 861/2006.~~

~~2. Id-data bażika msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 għandha tkopri biss dawk il-partijiet tal-programmi nazzjonali ta' l-Istati Membri li jimplimentaw il-programm Komunitarju.~~

~~3. L-assistenza finanzjarja mill-Komunità għall-programmi nazzjonali għandha tingħata biss jekk ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu rispettati kompletament.~~

~~4. Il-Kummissjoni tista', wara li tkun tat l-opportunità lill-Istati Membri kkonċernati li jinstemgħu, tissospendi u/jew tirkupra assistenza finanzjarja Komunitarja fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:~~

~~l-evalwazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 7, tindika li l-eżekuzzjoni ta' programm nazzjonali ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, jew~~

▼ Corrigendum, ĠU L 096, 16.4.2010, p. 8

~~(b) il-konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(3)(b) tindika li d-data ma tkunx ġiet ipprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikoli 16(4)(b) u 20(1) jew~~

▼ 199/2008

~~(ċ) il-kontroll tal-kwalità tad-data u l-proċess tad-data ma nkisbux skont l-Artikoli 14(2) u 17.~~

~~5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 l-Kummissjoni tista', wara li tkun tat l-opportunità lill-Istati Membri kkonċernati li jinstemgħu, tnaqqas ukoll l-assistenza finanzjarja Komunitarja fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:~~

~~(a) programm nazzjonali ma jkunux ġie ppreżentat lill-Kummissjoni sad-data stabbilita skont l-Artikolu 4(4);~~

~~(b) rapport ma jkunux ġie ppreżentat lill-Kummissjoni sad-data stabbilita skont l-Artikolu 7(1);~~

~~(ċ) talba uffiċjali għad-data tkun saret minn utent finali u d-data ma tkunx ingħatat skont l-Artikoli 20(2) u 20(3) lill-utent finali kkonċernat jew il-kwalità tal-kontroll u l-ipproċessar ta' din id-data ma kinux skont l-Artikoli 14(2) u 17.~~

~~6. It-tnaqqis ta' l-assistenza finanzjarja Komunitarja, imsemmija fil-paragrafi 4 u 5 għandha tkun proporzjonata għall-grad ta' non-konformità. It-tnaqqis ta' l-assistenza finanzjarja Komunitarja, imsemmija fil-paragrafu 5 għandha tkun applikata gradwalment matul iż-żmien u m'għandhiex tkun aktar minn 25 % ta' l-ispiża totali annwali tal-programm nazzjonali.~~

~~7. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni tat-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 6 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(2).~~

## ~~TAQSIMA~~SEZZJONI ~~2~~3

### ĦTIĠIJIET GĦALL-PROĊESS TAL-ĠBIR TA' D~~A~~EJTA

~~*Artikolu 9*~~

~~**Programmi ta' kampjunar**~~

~~1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali pluriennali għall-ikkampjunar.~~

~~2. Il-programmi nazzjonali pluriennali ta' kampjunar għandhom jinkludu, b'mod partikolari:~~

~~(a) pjan ta' kampjunar għal data bijoloġika li jsegwi kampjunar ibbażat fuq sajd minn flotot li jinkludi, fejn adatt, is-sajd rikreattiv;~~

~~(b) pjan ta' kampjunar għal data ekosistemika li jippermetti l-impatt tas-settur tas-sajd fuq l-eksosistema marina li għandu jkun stmat u li jikkontribwixxi għall-immonitorar ta' l-istat ta' l-ekosistema marina;~~

~~(ċ) pjan ta' kampjunar għal data soċjo-ekonomika li jippermetti li s-sitwazzjoni ekonomika tas-settur tas-sajd tiġi vvalutata u li jippermetti li l-prestazzjoni matul iż-żmien tiġi analizzata u li valutazzjonijiet ta' l-impatt tal-miżuri li jkunu ttieħdu, jew ġew proposti, jitwettqu.~~

~~3. Il-protokolli u l-metodi użati għall-istabbiliment ta' programmi nazzjonali ta' kampjunar għandhom jingħataw mill-Istati Membri u għandhom ikunu, safejn huwa possibbli:~~

~~(a) stabbli matul iż-żmien;~~

~~(b) standardizzati fir-reġjuni;~~

~~(ċ) skont l-istandards ta' kwalità stabbiliti mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd adatti li għalihom il-Komunità hija parti kontraenti jew osservatur u l-korpi xjentifiċi internazzjonali rilevanti.~~

~~4. Fejn meħtieġ, l-eżattezza u l-preċiżjoni rigward id-data miġbura għandhom ikunu sistematikament ikkontrollati.~~

---

🡻 199/2008 (adattat)

*Artikolu ~~10~~11*

**Aċċess għal siti ta' kampjunar**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sabiex iwettqu dmirijiethom, ~~ir-responsabbli għall-ikkampjunar maħturin mill-korp responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali~~ ⌦ il-kolletturi ta' dejta ⌫ jkollhom aċċess ⌦ għall-qabdiet u l-bastimenti kollha, u għal siti oħra ta' kampjunar, kif ukoll għar-reġistri kollha tan-negozju u għal kwalunkwe dejta meħtieġa oħra ⌫.~~:~~

~~(a) il-qabdiet li jinħattu l-art, inklużi, kif adatt, dawk trasbordati u ttrasferiti għall-akkwakultura;~~

~~(b) reġistri tal-bastimenti u tan-negozji operati minn korpi pubbliċi rilevanti għall-ġbir ta' data ekonomika;~~

~~(ċ) data ekonomika ta' negozji relatati mas-sajd.~~

~~*Artikolu 11*~~

~~**Monitoraġġ fuq il-baħar ta' sajd kummerċjali u rikreattiv**~~

~~1. Fejn meħtieġ, għall-finijiet tal-ġbir ta' data skont il-programmi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom ifasslu u jimplimentaw skemi ta' monitoraġġ fuq il-baħar ta' sajd kummerċjali u rikreattiv.~~

~~2. Il-kompiti tal-monitoraġġ fuq il-baħar għandhom ikunu determinati mill-Istati Membri.~~

~~3~~2. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd ~~Komunitarji~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ għandhom jaċċettaw abbord ~~ir-responsabbli għall-ikkampjunar fuq il-baħar li qed joperaw skont skema ta' monitoraġġ fuq il-baħar u maħturin mill-korp inkarigat għall-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali~~ ⌦ osservaturi xjentifiċi ⌫ u jikkooperaw magħhom sabiex jippermettulhom jaqdu dmirijiethom filwaqt li jkunu abbord bastimenti tas-sajd ~~Komunitarji~~ ⌦ tal-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali ⌫ .

---

⇩ ġdid

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw regoli dettaljati dwar dan li ġej:

(a) is-siti ta' kampjunar u d-dejta li għaliha l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkollhom aċċess għaliha l-kolletturi tad-dejta, kif imsemmi fil-paragrafu 1;

(b) il-kundizzjonijiet li skonthom il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni huma obbligati li jaċċettaw abbord osservaturi xjentifiċi, kif imsemmi fil-paragrafu 2, kif ukoll metodi alternattivi ta' ġbir ta' dejta, u regoli għall-Istati Membri li skonthom dawn għandhom iwettqu monitoraġġ u rappurtar dwar dawk il-kundizzjonijiet u metodi.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24(2).

---

🡻 199/2008 (adattat)

~~4. Il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd Komunitarji jistgħu jiċħdu li jaċċettaw abbord ir-responsabbli għall-iskema ta' kkampjunar fuq il-baħar biss abbażi ta' nuqqas evidenti ta' spazju fuq il-bastiment inkella għal raġunijiet ta' sigurtà skont il-leġislazzjoni nazzjonali. F'każijiet bħal dawn, id-data għandha tinġabar permezz ta' programm ta' awtokampjunar, imwettaq mill-ekwipaġġ abbord il-bastiment tas-sajd Komunitarju, u mfassal u kkontrollat mill-korp responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali.~~

*~~Artikolu 12~~*

**~~Stħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar~~**

~~1. L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar sabiex jevalwaw l-abbundanza u d-distribuzzjoni tal-ħażniet, indipendentement mid-data pprovduta mis-sajd kummerċjali, u sabiex jivvalutaw l-impatt ta' l-attività tas-sajd fuq l-ambjent.~~

~~2. Il-lista ta' stħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar eliġibbli għall-assistenza finanzjarja Komunitarja għandha tkun adottata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(2).~~

## KAPITOLU III

## SEZZJONI 4
## PROĊESS TAL-ĠESTJONI TA' DAEJTA

*Artikolu 1312*

**Ħżin ta' daejta**

L-Istati Membri għandhom:

(a) jiżguraw li d-daejta primarja miġbura skont il-programmi nazzjonali ⌦ il-pjanijiet ta' ħidma ⌫ tinħażen b'mod sikur f'bażijiet ta' daejta kompjuterizzati u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li din id-daejta tkun trattata bħala kunfidenzjali;

(b) jiżguraw li metadaejta relatata mad-daejta primarja soċjoekonomika miġbura skont il-programmi nazzjonali ⌦ il-pjanijiet ta' ħidma ⌫ tinħażen b'mod sikur f'bażijiet ta' daejta kompjuterizzati;

---

↓ 199/2008

(ċ) jieħdu l-miżuri tekniċi kollha meħtieġa sabiex jipproteġu din id-daejta minn kwalunkwe distruzzjoni aċċidentali jew illegali, telf aċċidentali, deterjorament, distribuzzjoni jew konsultazzjoni mhux awtorizzata.

---

↓ 199/2008 (adattat)

*Artikolu 1413*

**Kontroll tal-kwalità u validazzjoni ta' daejta**

1. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-kwalità u l-kompletezza ta' daejta primarja miġbura skont il-programmi nazzjonali ⌦ il-programmi ta' ħidma ⌫ , id-daejta dettaljata u aggregata li ġejja minnha li hija trasmessa lill-utenti finali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) id-daejta primarja miġbura skont il-programmi nazzjonali ⌦ il-pjanijiet ta' ħidma ⌫ tiġi kkontrollata kif adatt għal żbalji permezz ta' proċeduri adatti għall-kontroll tal-kwalità;

(b) id-daejta dettaljata u aggregata miksuba mid-daejta primarja miġbura skont il-programmi nazzjonali ⌦ il-pjanijiet ta' ħidma ⌫ tiġi vvalidata qabel ma tkun trasmessa lill-utenti finali;

(ċ) il-proċeduri ta' assigurazzjoni tal-kwalità applikati għal daejta primarja, iddettaljata u aggregata msemmija f'(a) u (b) jiġu żviluppati skont il-proċeduri

adottati mill-korpi xjentifiċi internazzjonali, l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, u l-iSTECF ⌦ u l-Gruppi ta' Koordinazzjoni Reġjonali msemmija fl-Artikolu 8 ⌫ .

## KAPITOLU IVIII

## UŻU TA' DAEJTA MIĠBURA FIL-QAFAS TAL-PKS POLITIKA KOMUNI TAS-SAJD

---

| ⬇ 199/2008 |
|---|

*Artikolu 15*

**Data koperta**

1. Dan il-Kapitolu għandu japplika għal data miġbura:

(a) skont ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/1993, (KE) Nru 788/1996, (KE) Nru 2091/1998, (KE) Nru 104/2000, (KE) Nru 2347/2002, (KE) Nru 1954/2003, (KE) 2244/2003, (KE) Nru 26/2004, (KE) Nru 812/2004; (KE) Nru 1921/2006, (KE) Nru 1966/2006, (KE) Nru 1100/2007;

(b) skont il-qafas ta' dan ir-Regolament:

(i) data dwar l-attività tal-bastimenti bbażata fuq informazzjoni mill-monitoraġġ bis-satellita u sistemi ta' monitoraġġ oħra bil-format meħtieġ;

(ii) data li tippermetti l-istima affidabbli tal-volum totali tal-qabdiet għal kull ħażna mit-tipi tas-sajd reġjonali u t-taqsimiet tal-flotta ddefiniti, iż-żona ġeografika u l-perijodu ta' żmien, inklużi l-qabdiet mormija lura u, fejn adatt, data rigward qabdiet f'sajd rikreattiv;

(iii) id-data bijoloġika kollha mitluba għall-valutazzjoni tal-ħażniet sfruttati;

(iv) id-data ekosistemika meħtieġa sabiex jiġi vvalutat l-impatt ta' l-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema marina;

(v) id-data soċjo-ekonomika mis-settur tas-sajd.

2. L-Istati Membri għandhom jevitaw kwalunkwe duplikazzjoni fil-ġbir ta' data msemmi fil-paragrafu 1.

*Artikolu 1614*

**Aċċess għal u trażmissjoni ta' daejta primarja**

1. Għall-fini tal-verifika tal-eżistenza ta' daejta primarja miġbura skont l-Artikolu 64(1) minbarra daejta soċjoekonomika, l-Istati membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni

għandha aċċess għall-bażijiet ta' d~~a~~ejta kompjuterizzati nazzjonali msemmija fl-Artikolu ~~13~~12(a).

2. Għall-fini tal-verifika tad-d~~a~~ejta soċjoekonomika miġbura skont l-Artikolu 6~~4~~(1) l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni għandha aċċess għall-bażijiet ta' d~~a~~ejta kompjuterizzati nazzjonali msemmija fl-Artikolu ~~13~~12(b).

---

↓ 199/2008 (adattat)

3. L-Istati Membri għandhom jikkonkludu ftehimiet mal-Kummissjoni biex jiġi żgurat aċċess effettiv u bla xkiel għall-bażijiet ta' d~~a~~ejta kompjuterizzati nazzjonali tagħhom imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti minn regoli ~~Komunitarji~~ oħrajn ⌦ tal-Unjoni ⌫ .

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-d~~a~~ejta primarja miġbura fl-istħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar tiġi trażmessa lill-organizzazzjonijiet xjentifiċi internazzjonali u lil korpi xjentifiċi adatti fi ħdan l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd skont l-obbligi internazzjonali ~~tal-Komunità~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ u tal-Istati Membri.

---

↓ 199/2008

*Artikolu ~~17~~15*

**Ipproċessar ta' d~~a~~ejta primarja**

1. L-Istati Membri għandhom jipproċessaw id-d~~a~~ejta primarja f'settijiet ta' d~~a~~ejta dettaljati jew aggregati skont:

(a) l-istandards internazzjonali rilevanti, kull fejn dawn jeżistu;

(b) il-protokolli maqbula f'livell internazzjonali jew reġjonali, kull fejn dawn jeżistu.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-utenti finali u lill-Kummissjoni, kull fejn meħtieġ, deskrizzjoni tal-metodi applikati sabiex jipproċessaw id-d~~a~~ejta mitluba u l-proprjetajiet statistiċi tagħha.

---

↓ 199/2008

~~*Artikolu 18*~~

~~**Preżentazzjoni ta' data dettaljata u aggregata**~~

~~1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu d-data dettaljata u aggregata disponibbli għall-utenti finali b'appoġġ għall-analiżi xjentifiċi:~~

~~(a) bħala bażi għal pariri għall-ġestjoni tas-sajd, inklużi Kunsilli Konsultattivi Reġjonali;~~

~~(b) fl-interess tad-dibattitu pubbliku u l-parteċipazzjoni ta' l-imsieħbin fl-iżvilupp tal-politika;~~

(ċ) għall-pubblikazzjoni xjentifika.

2. Fejn meħtieġ, biex tkun żgurata l-anonimità, l-Istati Membru jistgħu jirrifjutaw li jipprovdu data dwar l-attività tal-bastimenti bbażata fuq informazzjoni minn monitoraġġ bis-satellita tal-bastimenti għal utenti finali għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1(b).

*Artikolu 19*

**Trasmissjoni ta' data dettaljata u aggregata**

L-Istati Membri għandhom jittrasmettu data dettaljata u aggregata f'format elettroniku sigur.

*Artikolu 20*

**Proċedura għat-trasmissjoni ta' data dettaljata u aggregata**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data dettaljata u aggregata rilevanti li għandha tintbagħat fuq bażi regolari tkun ipprovduta fil-ħin lill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li għalihom il-Komunità hija parti kontraenti jew osservatur u lil korpi xjentifiċi internazzjonali rilevanti tas-sajd skont l-obbligi internazzjonali tal-Komunità u tal-Istati Membri.

2. Fejn tintalab data dettaljata u aggregata għal analiżi xjentifika speċifika, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data hija pprovduta lill-utenti finali:

(a) għall-fini msemmi fl-Artikolu 18(a) fi żmien xahrejn mill-irċevuta tat-talba għal din id-data.

(b) għall-fini msemmi fl-Artikolu 18(a) fi żmien xahrejn mill-irċevuta tat-talba għal din id-data.

3. Fejn tintalab data dettaljata u aggregata għall-pubblikazzjoni xjentifika msemmija fl-Artikolu 18(ċ), l-Istati Membri:

(a) jistgħu, sabiex jipproteġu l-interessi professjonali tal-kolletturi ta' data, iżommu t-trasmissjoni ta' data lill-utenti finali għal perijodu ta' sentejn wara d-data tal-kollezzjoni ta' data. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-utenti finali u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni bħal din. F'każijiet debitament iġġustifikati, il-Kummissjoni tista' tawtorizza li dak il-perijodu jiġi estiż;

(b) għandhom fil-każ li dan il-perijodu ta' tliet snin ikun diġà skada, jiżguraw li d-data hija pprovduta fi żmien xahrejn mir-riċevuta tat-talba għal din id-data.

4. L-Istati Membri jistgħu jiċħdu li jittrasmettu d-data dettaljata u aggregata rilevanti biss:

(a) jekk ikun hemm ir-riskju li jiġu identifikati persuni fiżiċi u/jew ġurdiċi, f'dan il-każ l-Istat Membru jista' jipproponi mezzi alternattivi li jilħqu l-ħtiġiet ta' l-utent finali li jiżguraw l-anonimità;

(b) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 22(3);

~~(ċ) jekk l-istess data hija diġà disponibbli f'forma jew format ieħor li huwa aċċessibbli faċilment mill-utenti finali.~~

~~5. F'każijiet fejn id-data mitluba mill-utenti finali minbarra organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd adatti li għalihom il-Komunità hija parti kontraenti jew osservatur u l-korpi xjentifiċi internazzjonali rilevanti huma differenti minn dawk diġà prrovduti għal organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd adatti il-konsultazzjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd adatti li għalihom il-Komunità hija parti kontraenti jew osservatur u lil korpi xjentifiċi internazzjonali rilevanti, l-Istati Membri jitgħu jitolbu lil dawk l-utenti finali l-ispejjeż attwali ta' estrazzjoni u, jekk meħtieġ, l-aggregazzjoni tad-data qabel it-trasmissjoni tagħha.~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 16*

**Proċedura biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' dejta dettaljata u aggregata**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċessi u teknoloġiji elettroniċi xierqa sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, u għandhom iżommu lura milli jimponu kwalunkwe restrizzjoni mhux meħtieġa fuq l-usa' tixrid possibbli ta' dejta dettaljata u aggregata.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw salvagwardji xierqa, f'każ li d-dejta tinkludi informazzjoni relatata ma' persuni fiżiċi identifikati jew identifikabbli. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, b'konformità mal-Artikolu 23, atti delegati li jiddefinixxu salvagwardji xierqa li għandhom jintużaw meta tkun qed tiġi ttrattata informazzjoni ta' dan it-tip.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta rilevanti dettaljata u aggregata tiġi aġġornata u magħmula disponibbli għall-utenti finali fi żmien xahar mill-wasla ta' talba għal dik id-dejta. F'każ ta' talbiet magħmula minn partijiet interessati oħra, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tiġi aġġornata u magħmula disponibbli fi żmien xahrejn mill-wasla ta' talba għal dik id-dejta.

4. F'każijiet fejn tintalab dejta dettaljata għal skopijiet ta' pubblikazzjoni xjentifika, l-Istati Membri, sabiex jipproteġu l-interessi professjonali tal-kolletturi tad-dejta, jistgħu jeħtieġu li l-pubblikazzjoni ta' dejta tiddewwem bi 3 snin mid-data li għaliha tirreferi d-dejta. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-utenti finali u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni ta' dan it-tip, u bir-raġunijiet li jkunu wasslu għat-teħid ta' dik id-deċiżjoni.

*Artikolu 17*

**Sistemi u formati kompatibbli ta' skambju u ħżin ta' dejta**

1. Bil-ħsieb li jitnaqqsu l-ispejjeż u jiġi ffaċilitat l-aċċess għal dejta għall-utenti finali u għal partijiet interessati oħra, l-Istati Membri, il-Kummissjoni, il-korpi konsultattivi xjentifiċi u kwalunkwe utenti finali rilevanti għandhom jikkooperaw biex jiġu żviluppati sistemi u formati kompatibbli ta' skambju u ħżin ta' dejta, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2007/2/KE. Dawk is-sistemi għandhom jiffaċilitaw ukoll it-tixrid ta' informazzjoni

lil partijiet interessati oħrajn. Il-pjanijiet ta' ħidma reġjonali msemmija fl-Artikolu 8(6) jistgħu jservu bħala bażi għal ftehim dwar sistemi ta' dan it-tip.

2. Is-salvagwardji għandhom jiġu stabbiliti, fejn xieraq, f'każ li s-sistemi ta' skambju u ta' ħżin ta' dejta msemmija fil-paragrafu 1 jinkludu informazzjoni relatata ma' persuni fiżiċi identifikati jew identifikabbli. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, b'konformità mal-Artikolu 23, li jiddefinixxu salvagwardji xierqa li għandhom jintużaw meta tkun qed tiġi ttrattata informazzjoni ta' dan it-tip.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw regoli dwar proċeduri, formati, kodiċijiet u skedi ta' żmien li għandhom jintużaw sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà ta' sistemi ta' ħażna u skambju ta' dejta. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 24(2).

---

🡻 199/2008 (adattat)

*Artikolu ~~21~~18*

**Reviżjoni ta' ċaħda li tkun ipprovduta d~~a~~ejta**

~~1.~~ Jekk Stat Membru jiċħad li jipprovdi d~~a~~ejta skont l-Artikolu ~~20(3)(a)~~ ⌦ 16(4) ⌫ , l-utent ~~aħħari~~finali jista' jitlob lill-Kummissjoni sabiex tanalizza ċ-ċaħda. Jekk il-Kummissjoni ssib li ċ-ċaħda mhijiex debitament iġġustifikata, tista' teħtieġ li l-Istat Membru jipprovdi d-d~~a~~ejta lill-utent ~~aħħari~~finali fi żmien xahar.

~~2. Jekk l-Istat Membru jonqos li jipprovdi din id-data fi żmien il-perijodu stabbilit fil-paragrafu 1, għandu japplika l-Artikolu 8 il-paragrafi 5 u 6.~~

*Artikolu ~~22~~19*

**Obbligi għall-utenti ~~finali~~ ⌦ ta' dejta ⌫**

1. L-utenti ~~finali~~ ⌦ ta' dejta ⌫ għandhom:

(a) jużaw id-d~~a~~ejta biss għall-fini ddikjarata fit-talba tagħhom ⌦ għall-informazzjoni ⌫ skont l-Artikolu ~~18~~ ⌦ 16 ⌫ ;

---

🡻 199/2008

(b) ~~debitament~~ jirrikonoxxu kif xieraq is-sorsi ta' d~~a~~ejta;

(~~c~~c) ikunu responsabbli għall-użu korrett u adatt ta' d~~a~~ejta rigward l-etika xjentifika;

(d) jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kkonċernati bi kwalunkwe problemi suspettati li jista' jkollha d-d~~a~~ejta;

(e) jipprovdu lill-Istati Membri kkonċernati u lill-Kummissjoni r-referenzi għar-riżultati ~~ta'~~ tal-użu ta' d~~a~~ejta;

(f) ma jgħaddux id-daejta mitluba lil partijiet terzi mingħajr qbil mal-Istat Membru kkonċernat;

(ġ) ma jbigħux id-daejta lil kwalunkwe parti terza.

---

↓ 199/2008 (adattat)

2. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe non-konformità mill-utenti ~~finali~~ ⌦ ta' dejta ⌫ .

3. Fejn utent ~~finali~~ ⌦ ta' dejta ⌫ jonqos milli jikkonforma ma' kwalunkwe mill-ħtiġijiet imniżżlin fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tippermetti lill-Istat Membru kkonċernat li jillimita jew jiċħad aċċess għal dejta lill-utent ~~finali~~ ⌦ ta' dejta ⌫ .

## KAPITOLU ~~V~~IV

## APPOĠĠ GĦAL PARIR XJENTIFIKU

*Artikolu ~~23~~20*

### Parteċipazzjoni f'laqgħat ta' korpi internazzjonali

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti nazzjonali tagħhom jipparteċipaw f'laqgħat rilevanti ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li għalihom ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ hija parti kontraenti jew osservatur u ta' korpi xjentifiċi internazzjonali.

*Artikolu ~~24~~21*

### Koordinazzjoni u kooperazzjoni

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoordinaw l-isforzi tagħhom u jikkooperaw sabiex itejbu aktar ⌦ il-kwalità, il-puntwalità u l-kopertura tad-daejta sabiex ikun jista' jseħħ titjib ulterjuri ⌫ tal-affidabbiltà tal-parir xjentifiku, il-kwalità tal-programmi ta' ħidma u l-metodi ta' ħidma ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li għalihom ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ hija parti kontraenti jew osservatur u ta' korpi xjentifiċi internazzjonali.

---

↓ 199/2008

2. Tali koordinazzjoni u kooperazzjoni għandhom isseħħu mingħajr preġudizzju għal dibattitu xjentifiku miftuħ u għandhom jimmiraw li jippromwovu parir xjentifiku imparzjali.

# KAPITOLU ~~VI~~V

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

---

↓ 199/2008 (adattat)

~~*Artikolu 25*~~

~~**Miżuri implimentattivi**~~

~~Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 27(2).~~

*Artikolu ~~26~~22*

**~~Immonitorar~~Monitoraġġ**

1. Il-Kummissjoni, flimkien mal-iSTECF, għandhom jissorveljaw il-progress ~~tal-programmi nazzjonali~~ ⌦ tal-pjanijiet ta' ħidma ⌫ fil-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit mill-Artikolu ~~30~~ 47 tar-Regolament (~~EC~~UE) Nru ~~2371/2002~~ 1380/2013 (minn issa 'l quddiem ~~imsemmi bħala~~ "il-Kumitat").

---

⇩ ġdid

2. Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 23*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 4, 16 u 17 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 4, 16 u 17 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Tali deċiżjoni ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4, 16 u 17 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

⬇ 199/2008 (adattat)

*Artikolu ~~27~~24*

**⌦ Proċedura tal- ⌫ Kumitat**

1. ⌦ Waqt li timplimenta dan ir-Regolament ⌫ ~~I~~il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ⌦ għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit mill-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 ⌫.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, ~~għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE~~ ⌦ għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 ⌫ .

~~3. Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal xahar wieħed.~~

*Artikolu ~~28~~25*

**Tħassir**

1. Ir-Regolament (KE) Nru ~~1543/2000~~ ⌦ 199/2008 ⌫ huwa b'dan irrevokat b'effett mill- ~~1 ta' Jannar 2009~~ ⌦ [.....] ⌫ Madankollu, id-dispożizzjonijiet irrevokati għandhom jibqgħu applikabbli għal programmi nazzjonali approvati qabel ⌦ id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ⌫ ~~il-31 ta' Diċembru 2008~~.

2. Referenzi għar-Regolament irrevokat għandhom jittieħdu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness hawnhekk.

*Artikolu ~~29~~26*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |